**ANNESS I**

**LISTA TA` L-ISMIJIET, GĦAMLA FARMAĊEWTIKA , QAWWIET TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI, MNEJN JINGĦATA, L-APPLIKANTI, ID-DETENTURI TA` L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ FL-ISTATI MEMBRI**

| Stat Membru | Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | L-Applikant | Isem Ivvintat | Qawwa | Għamla Farmaċewtika | Mnjen jingħata | Il-Kontenut (Konċentrat) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | | Fentanyl-ratiopharm 25 µg/h Matrixpflaster | 25 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 4.125 mg/7.5 cm² li terħi 25 µg fentanyl fis-siegħa |
| Il-Ġermanja | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | | Fentanyl-ratiopharm 50 µg/h Matrixpflaster | 50 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 8.25 mg/15 cm² li terħi 50 µg fentanyl fis-siegħa |
| Il-Ġermanja | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | | Fentanyl-ratiopharm 75 µg/h Matrixpflaster | 75 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 12.375 mg/22.5 cm² li terħi 75 µg fentanyl fis-siegħa |
| Il-Ġermanja | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | | Fentanyl-ratiopharm 100 µg/h Matrixpflaster | 100 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 16.5 mg/30 cm² li terħi 100 µg fentanyl fis-siegħa |
| L-Awstrija | | ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH Albert-Schweitzer-Gasse 3, 1140 WIEN, L-Awstrija | Fentanyl-ratiopharm 25 µg/h transdermales Matrixpflaster | 25 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 4.125 mg/7.5 cm² li terħi 25 µg fentanyl fis-siegħa |
| L-Awstrija | | ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH Albert-Schweitzer- | Fentanyl-ratiopharm 50 µg/h transdermales | 50 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn | użu transdermali | 8.25 mg/15 cm² li terħi 50 µg fentanyl fis-siegħa |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Gasse 3, 1140 WIEN, L-Awstrija | Matrixpflaster | | ġol-ġilda | | |
| L-Awstrija | | ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH Albert-Schweitzer-Gasse 3, 1140 WIEN, L-Awstrija | Fentanyl-ratiopharm 75 µg/h transdermales Matrixpflaster | 75 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 12.375 mg/22.5 cm² li terħi 75 µg fentanyl fis-siegħa |
| L-Awstrija | | ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH Albert-Schweitzer-Gasse 3, 1140 WIEN, L-Awstrija | Fentanyl-ratiopharm 100 µg/h transdermales Matrixpflaster | 100 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 16.5 mg/30 cm² li terħi 100 µg fentanyl fis-siegħa |
| Franza | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Fentanyl ratiopharm 25 µg/h, dispositif transdermique | 25 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 4.125 mg/7.5 cm² li terħi 25 µg fentanyl fis-siegħa |
| Franza | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Fentanyl ratiopharm 50 µg/h, dispositif transdermique | 50 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 8.25 mg/15 cm² li terħi 50 µg fentanyl fis-siegħa |
| Franza | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Fentanyl ratiopharm 75 µg/h, dispositif transdermique | 75 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 12.375 mg/22.5 cm² li terħi 75 µg fentanyl fis-siegħa |
| Franza | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Fentanyl ratiopharm 100 µg/h, dispositif transdermique | 100 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 16.5 mg/30 cm² li terħi 100 µg fentanyl fis-siegħa |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Olanda | ratiopharm Nederland bv<br>Ronde Tocht 11, 1507 CC Zaandam, L-Olanda | | Fentanyl ratiopharm 25 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik | 25 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 4.125 mg/7.5 cm² li terħi 25 µg fentanyl fis-siegħa |
| L-Olanda | ratiopharm Nederland bv<br>Ronde Tocht 11, 1507 CC Zaandam, L-Olanda | | Fentanyl ratiopharm 50 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik | 50 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 8.25 mg/15 cm² li terħi 50 µg fentanyl fis-siegħa |
| L-Olanda | ratiopharm Nederland bv<br>Ronde Tocht 11, 1507 CC Zaandam, L-Olanda | | Fentanyl ratiopharm 75 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik | 75 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 12.375 mg/22.5 cm² li terħi 75 µg fentanyl fis-siegħa |
| L-Olanda | ratiopharm Nederland bv<br>Ronde Tocht 11, 1507 CC Zaandam, L-Olanda | | Fentanyl ratiopharm 100 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik | 100 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 16.5 mg/30 cm² li terħi 100 µg fentanyl fis-siegħa |
| Spanja | ratiopharm España, S.A.<br>Avenida de Burgos 16D, 5º Planta, 28036 Madrid, Spanja | | Fentanilo Matrix ratiopharm 25 microgramos/h parches transdérmicos EFG | 25 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 4.125 mg/7.5 cm² li terħi 25 µg fentanyl fis-siegħa |
| Spanja | ratiopharm España, S.A.<br>Avenida de Burgos 16D, 5º Planta, 28036 | | Fentanilo Matrix ratiopharm 50 microgramos/h parches | 50 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn | użu transdermali | 8.25 mg/15 cm² li terħi 50 µg fentanyl fis-siegħa |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Madrid, Spanja | | transdérmicos EFG | | ġol-ġilda | | |
| Spanja | ratiopharm España, S.A.<br>Avenida de Burgos 16D, 5º Planta, 28036 Madrid, Spanja | | Fentanilo Matrix ratiopharm 75 microgramos/h parches transdérmicos EFG | 75 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 12.375 mg/22.5 cm² li terħi 75 µg fentanyl fis-siegħa |
| Spanja | ratiopharm España, S.A.<br>Avenida de Burgos 16D, 5º Planta, 28036 Madrid, Spanja | | Fentanilo Matrix ratiopharm 100 microgramos/h parches transdérmicos EFG | 100 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 16.5 mg/30 cm² li terħi 100 µg fentanyl fis-siegħa |
| Ir-Renju Unit | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Telfanyl 25 microgram/hr Transdermal patch (pending) | 25 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 4.125 mg/7.5 cm² li terħi 25 µg fentanyl fis-siegħa |
| Ir-Renju Unit | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Telfanyl 50 microgram/hr Transdermal patch (pending) | 50 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 8.25 mg/15 cm² li terħi 50 µg fentanyl fis-siegħa |
| Ir-Renju Unit | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Telfanyl 75 microgram/hr Transdermal patch (pending) | 75 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 12.375 mg/22.5 cm² li terħi 75 µg fentanyl fis-siegħa |
| Ir-Renju Unit | | ratiopharm GmbH Graf-Arco-Str. 3, 89079 Ulm, Il-Ġermanja | Telfanyl 100 microgram/hr Transdermal patch (pending) | 100 µg/h | garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda | użu transdermali | 16.5 mg/30 cm² li terħi 100 µg fentanyl fis-siegħa |

**ANNESS II**

**KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI U ARGUMENTI GĦAL EMENDI TAS-SOMMARJU(I) TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF IPPREŻENTATI MILL-EMEA**

## KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI

## SOMMARJU TOTALI TA' L-EVALWAZZJONI XJENTIFIKA TA' FENTANYL-RATIOPHARM U ISMIJIET ASSOĊJATI (ARA ANNESS I)

Il-punti tan-nuqqas ta' qbil li wasslu għal din il-proċedura ta' referenza taħt l-Artikolu 29(4) tad-Direttiva 2001/83/KE kellhom x'jaqsmu ma':

1- L-indikazzjoni terapewtika li kellha tiġi estiża għal pazjenti li m'għandhomx kanċer li jsofru minn uġigħ kroniku qawwi
2- L-għażla ta' tabella(i) ta' konverżjoni li għandhom jiġu inklużi fis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC)
3- Jekk it-treddigħ u l-ko-amministrazzjoni ma' agonisti parzjali ta' l-opijojdi għandhomx ikunu kontra-indikati
4- L-istudji tal-bijoekwivalenza meħtieġa biex juru l-ekwivalenza mal-prodott ta' referenza

Fir-rigward ta' l-*indikazzjoni terapewtika*, id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ipprovda stqarrija xjentifika, li tiġbor fil-qosor il-pubblikazzjonijiet relatati għat-trattament ta' uġigħ mhux tal-kanċer kroniku b'opijojdi qawwija u b'mod partikolari fentanyl transdermali.
Minbarra riżultati kontroversjali tal-letteratura fuq l-effikaċja u s-sigurtà ta' fentanyl transdermali f'uġigħ mhux tal-kanċer kroniku, il-CHMP irrikkonoxxa li, f'ċirkostanzi speċjali, opijojdi qawwija jistgħu jkunu ta' għajnuna fit-trattament ta' din il-kondizzjoni.
F'dan il-kuntest, il-CHMP aċċetta l-indikazzjoni "Uġigħ kroniku qawwi li jista' jkun adegwatament immaniġjat biss b'analġeżiċi opijojdi".
Il-CHMP irrakkomanda wkoll iż-żieda ta' l-istqarrija segwenti f'sezzjoni 4.4 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC):
"F'uġigħ kroniku mhux relatat mal-kanċer, jista' jkun preferibbli li tibda t-trattament b'opijojdi qawwija li jirrilaxxaw ruħhom minnufih (eż. morfina) u li tagħti b'riċetta roqgħa b'fentanyl transdermali wara d-determinazzjoni ta' l-effikaċja u d-dożaġġ ottimu ta' l-opijojd qawwi."

Rigward l-*iskemi ta' konverżjoni tad-dożi* ipprovduti fis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC) minn morfina orali sa fentanyl transdermali, il-CHMP, abbażi tat-tagħrif disponibbli, huwa ta' l-opinjoni li ż-żewġ tabelli għandhom jissemmew fis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC) (sezzjoni 4.2). L-iskema ta' konverżjoni konservattiva (150:1) kif speċifikata fis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC) preżenti ta' Fentanyl ratiopharm hija għal pazjenti li għandhom bżonn rotazzjoni ta' l-opijojdi u l-iskema ta' konverżjoni 100:1 (tabella ta' Donner) hija għal pazjenti taħt terapija bl-opijojdi stabbli u ittollerata sewwa.

Fir-rigward tat-*treddigħ*, is-sezzjoni 4.6 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC) ipproponut tgħid:
"Fentanyl jiġi eskretat għal ġol-ħalib tas-sider u jista' jikkaġuna sedazzjoni u dipressjoni respiratorja fit-tarbija li tkun qedgħa tiġi imreddgħa. Għaldaqstant, it-treddigħ għandu jitwaqqaf għal ta' l-anqas 72 siegħa wara t-tneħħija tar-roqgħa b'fentanyl transdermali".
Dan ifisser li huwa possibbli li tagħti l-prodott lin-nisa li jkunu qed ireddgħu, imma t-treddigħ għandu jitwaqqaf waqt l-użu ta' l-irqajja' b'fentanyl u għal 72 siegħa wara.
Minħabba l-importanza ta' ġestjoni adegwata ta' l-uġigħ għall-omm, il-CHMP jaqbel, b'mod konformi mal-"linja gwida tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott", li t-test ipproponut jibqa' f'sezzjoni 4.6 u m'għandux ikun inkluż bħala kontra-indikazzjoni.

Barra minn hekk, il-CHMP jirrakkomanda li jiġi inkluż it-tagħrif segwenti f'sezzjoni 4.4 fis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC):
….
*Treddigħ*
Minħabba li fentanyl huwa eskretat fil-ħalib tas-sider, it-treddigħ għandu jitwaqqaf waqt it-trattament b'fentanyl (ara ukoll sezzjoni 4.6)
….

Fir-rigward ta' l-*amministrazzjoni fl-istess ħin ma' opijojdi oħra*, huwa rikonoxxut li r-riskju ta' l-ikkumbinar ta' fentanyl ma' agonist/antagonist imħallat bħal buprenorphine, nalbuphine u pentazocine, jikkonsisti l-ewwel f'analġiżja imxekkla, minħabba effetti antagonisti kompettitivi, u t-tieni fil-bidu ta' sindromu ta' irtirar, li ukoll jirrappreżenta tħassib serju għas-saħħa.
Madankollu, mil-lat kliniku, dan l-aspett jirrappreżenta biss riskju minuri għal pazjenti li qed jirċievu terapija kontra l-uġigħ b'fentanyl transdermali f'dożi medji. Ma hemm l-ebda dejta disponibbli li turi sintomi ta' irtirar f'pazjenti ittrattati b'fentanyl transdermali wara injezzjoni ta' buprenorphine.

Għaldaqstant, is-CHMP jirrakkomanda li, skond il-linja gwida msemmija hawn fuq, dan l-aspett għandu jkun imsemmi f'sezzjoni 4.5 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC) b'referenza għalih f'sezzjoni 4.4, "użu fl-istess ħin mhux irrakkomandat" aktar milli bħala kontra-indikazzjoni.

Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-*wiri ta' bijoekwivalenza*, id-diskussjonijiet kienu fuq id-devjazzjonijiet mil-linja gwida "Nota għal gwida fuq forom ta' dożaġġ b'rilaxx immodifikat orali u transdermali: sezzjoni II: evalwazzjoni farmakokinetika u evalwazzjoni klinika-(CPMP/EWP/280/96)". Ġiet diskussa l-ħtieġa li jsir studju ta' bijoekwivalenza bil-qawwa l-aktar għolja u studju validu b'disinn irreplikat.

Kien hemm dubbji dwar it-turija tal-bijoekwivalenza bl-aktar doża baxxa, minħabba li fir-riżultati, input inizjali aktar għoli huwa issuġġerit għar-roqgħa riżerva ta' referenza (meta mqabbla mar-roqgħa tat-test) u huwa evidenzjat input finali aktar baxx (fit-tmiem ta' l-applikazzjoni tar-roqgħa). L-oxxilazzjonijiet mill-quċċata għall-aktar punt baxx tal-konċentrazzjonijiet fil-plażma huma aktar għoljin bil-prodott ta' referenza u m'humiex ta' daqs kbir.
Il-CHMP jikkunsidra li l-kriterji tal-linja gwida fuq forom ta' dożaġġ transdermali - CPMP/EWP/280/96- (jiġifieri proporzjonalità eżatta tal-formulazzjoni u test ta' rilaxx aċċettabbli *in vitro*) intlaqgħu bir-roqgħa ta' fentanyl ratiopharm transdermali kif ukoll bil-prodott mediċinali ta' referenza.
Barra dan, studju fl-aktar doża għolja (100 µg/siegħa) jkun possibbli biss fis-swali tal-kura intensiva u taħt trattament konkomitanti b'antagonisti opijojdi (naltrexone) sabiex jiġu evitati effetti sekondarji li jipperikolaw il-ħajja. Għaldaqstant, minħabba raġunijiet etiċi u ta' sigurtà, ikun kwestjonabbli li jsiru studji bl-ogħla qawwa meta t-tagħrif neċessarju kollu jista' jinkiseb minn irqajja' ta' qawwiet aktar baxxi. Bħala regola ġenerali, fl-UE, jekk ikun irid isir studju bħal dan, il-qawwa ta' 50 µg/siegħa għandha tkun irrakkomandata.

L-evalwazzjoni bijostatistika ta' l-istudju b'doża waħda eżistenti b'disinn replika (iżda ma turix bijoekwivalenza) tista' tkun ikkunsidrata tajba biex tevalwa l-varjabbilità ġo l-individwu u biex tiddetermina l-influwenza ta' l-eżekuzzjoni bijofarmaċewtika, fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' rilaxx differenti (riserva kontra matriċi).
Il-CHMP ikkunsidra wkoll illi l-bijoekwivalenza bejn test u prodotti mediċinali ta' referenza ġiet ikkaratterizzata suffiċjentement f'2 studji (doża waħda u multipla) magħmula b'roqgħa ta' daqs imnaqqas (7.5 ċm²). Id-differenzi żgħar osservati m'humiex meqjusin li huma ta' importanza klinika u jissuġġerixxu li Fentanyl ratiopharm x'aktarx għandu profil ta' rilaxx fit-tul aktar fid-deher, li huwa mistenni għal roqgħa matriċi meta mqabbla ma' roqgħa riserva

Finalment, minħabba li Fentanyl ratiopharm huwa roqgħa matriċi għal liema, ir-rilaxx huwa proporzjonali għall-erja tal-wiċċ, hija mistennija proporzjonalità fid-doża u studju ta' bijoekwivalenza bl-aktar qawwa għolja ma jidhirx neċessarju, lanqas studju ta' disinn replika addizzjonali.

## ARGUMENTI GĦAL EMENDI TAS-SOMMARJU(I) TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF

Billi

- l-iskop tar-referenza kien it-tħassib potenzjali fir-rigward tas-saħħa pubblika rigward l-estensjoni ta' l-indikazzjoni klinika
- t-turija tal-bijoekwivalenza bil-prodott ta' referenza,
- u l-armonizzazzjoni tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, tikketta u fuljett ta' tagħrif,

fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni ppreżentata mid-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u d-diskussjoni xjentifika fi ħdan il-Kumitat,

il-CHMP irrakkomanda l-għoti ta' l-Awtorizzazzjoni(jiet) għat-Tqegħid fis-Suq u l-emenda tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, tikketta u fuljett ta' tagħrif li huma stabbiliti fl-Anness III għal Fentanyl-ratiopharm u ismijiet assoċjati (ara Anness I).

**ANNESS III**

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF**

# SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

*Fentanyl-ratiopharm 25 µg/h Matrixpflaster* u ismijiet assoċjati miegħu (Ara Anness I)

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull garża terħi 25 mikrogramma fentanyl fis-siegħa. Kull garża ta' 7.5 $cm^2$ fiha 4.125 mg fentanyl.

Għal lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

Garża trasparenti u bla kulur b'sinjal kaħlani fuq il-fojl warrani: "fentanyl 25 µg/h".

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Il-prodott huwa indikat f'uġigħ qawwi u kroniku li jista' jiġi immaniġġjat adegwatament biss bl-użu ta' analġesiċi tat-tip opjojdi.

### 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Id-dożaġġ huwa addattat għal kull individwu u ibbażat fuq l-istorja ta' kura bl-opjojdi tal-pazjent u jitqies:

- Il-possibilita' li tiġi żviluppata tolleranza,
- Il-kundizzjoni ġenerali fil-preżent, l-istat mediku tal-pazjent, u
- Il-grad tas-severita' tal-kundizzjoni.

Id-doża ta' fentanyl hija mfassla individwalment u trid tiġi riveduta ta' spiss wara kull amministrazzjoni.

*Pazjenti li jirċievu kura bl-opjojdi għall-ewwel darba*
Garża li terħi 12.5 mikrogramma/siegħa hija disponibbli u din għandha tintuża fid-dożaġġ tal-bidu . Fl-anzjani ta' eta' kbira ħafna u f'pazjenti debboli ħafna, mhux irrakkommandat illi tinbeda kura bl-opjojdi bil-*Fentanyl-ratiopharm*, minħabba is-suxxettibbilita' magħrufa li dawn il-pażjenti għandhom għal din it-tip ta' kura. F'każi bħal dawn, ikun aktar xieraq illi l-kura tinbeda b'dożi zgħar ta' morfina li tintreħa immedjatament u il-*Fentanyl-ratiopharm* jiġi preskritt biss wara li tiġi stabbilita d-doża ottimali.

*Tibdil minn opjojdi oħrajn*
F'każ ta' tibdil minn opjojdi orali jew parenterali għal kura bil-fentanyl, id-doża tal-bidu għandha tiġi kkalkulata skond li ġej:

1. Il-kwantita' ta' analġesiċi meħtieġa tul l-aħħar 24 siegħa trid tiġi ddeterminata.
2. It-total miksub għandu jiġi mibdul fid-doża ekwivalenti ta' morfina orali permezz ta' Tabella 1.
3. Id-doża ekwivalenti ta' fentanyl għandha tiġi determinata skond li ġej:
   a) permezz ta' Tabella 2 għal dawk il-pażjenti li jkollhom bżonn tibdil regolari fil-kura ta' l-opjojdi (ir-ratio tal-konverżjoni minn fentanyl orali għal fentanyl transdermali huwa ta' 150:1)
   b) permezz ta' Tabella 3 għal dawk il-pażjenti li qegħdin fuq kura stabbli u tollerata tajjeb bl-opjojdi (ir-ratio tal-konverżjoni minn morfina għal fentanyl transdermali huwa ta' 100:1)

**Tabella 1: Konverżjoni tad-doża li tipprovdi effett analġesiku ekwivalenti:**
Id-dożi li jidhru f'din it-tabella għandhom l-effett analġesiku ekwivalenti ta'10mg morfina parenterali

| | **Doża li tipprovdi effett analġesiku ekwivalenti (mg)** | |
|---|---|---|
| **Sustanza Attiva** | **Parenterali (im)** | **Orali** |
| Morfina | 10 | 30-40 |
| Hydromorphone | 1.5 | 7.5 |
| Oxycodone | 10-15 | 20-30 |
| Methadone | 10 | 20 |
| Levorphanol | 2 | 4 |
| Oxymorphine | 1 | 10 (rettali) |
| Diamorphine | 5 | 60 |
| Pethidine | 75 | - |
| Codeine | - | 200 |
| Buprenorphine | 0.4 | 0.8 (taħt l-ilsien) |
| Ketobemidone | 10 | 20-30 |

**Tabella 2: <u>Doża inizjali</u> rakkomandata ta'fentanyl transdermali bbażata fuq doża ta' ġurnata ta' morfina orali (**għal dawk il-pażjenti li jkollhom bżonn ta' tibdil regolari fil-kura bl-opjojdi )

| Doża ta' morfina orali (milligramma/24 siegħa) → | Irħir ta' fentanyl transdermali (mikrogramma/siegħa) |
|---|---|
| <44 | 12.5 |
| 45-134 | 25 |
| 135-224 | 50 |
| 225-314 | 75 |
| 315-404 | 100 |
| 405-494 | 125 |
| 495-584 | 150 |
| 585-674 | 175 |
| 675-764 | 200 |
| 765-854 | 225 |
| 855-944 | 250 |
| 945-1034 | 275 |
| 1035-1124 | 300 |

**Tabella 3: : <u>Doża inizjali</u> rakkomandata ta'fentanyl transdermali bbażata fuq doża ta' ġurnata ta' morfina orali (**għal dawk il-pażjenti li huma stabbli u jitolleraw tajjeb il-kura tagħhom bl-opjojdi)

| Doża ta' morfina orali (milligramma/24 siegħa) | Irħir ta' fentanyl transdermali (mikrogramma/siegħa) |
|---|---|
| < 60 | 12.5 |
| 60-89 | 25 |
| 90-149 | 50 |
| 150-209 | 75 |
| 210-269 | 100 |
| 270-329 | 125 |
| 330-389 | 150 |
| 390-449 | 175 |
| 450-509 | 200 |
| 510-569 | 225 |
| 570-629 | 250 |
| 630-689 | 275 |
| 690-749 | 300 |

Bit-taħlit ta' bosta biċċiet ta'garża transdermali, tista' tinkiseb rata ta' irħir ta' fentanyl il fuq minn 100 mikrogramma fis-siegħa.

L-evalwazzjoni inizjali ta' l-effett analġesiku massimu ta'*Fentanyl-ratiopharm* m'għandiex issir qabel il-garża tintlibes għal mill-inqas 24 siegħa. Dan minħabba iż-żieda gradwali tal-konċentrazzjoni ta' fentanyl fis-serum matul l-ewwel 24 siegħa wara li l-garża tkun applikata.
Fl-ewwel 12-il siegħa wara bidla għall-*Fentanyl-ratiopharm,* il-pazjent għandu jibqa' jirċievi l-analġesiku ta' qabel u bl-istess doża; għat-12 il siegħa ta' wara, dan l-analġesiku għandu jiba' jinagħata skond il-bżonn.

*Titrazzjoni tad-doża u d-dożaġġ ta' manteniment*
Il-garża trid tinbidel kull 72 siegħa. Id-doża trid tiġi mibdula skond l-individwu sakemm l-effiċjenza analġesika tiġi stabbilita. F'pazjenti li jħossu tnaqqis sostanzjali tal-effett fil-perijodu bejn 48-72 siegħa wara l-applikazzjoni, tista' tinbidel il-garża ta' fentanyl wara 48 siegħa.
Garża b'rata ta' irħir ta' 12.5 mikrogramma/siegħa hija disponibbli u hija adattata għat-titrazzjoni tad-doża meta l-livell tad-dożaġġ meħtieġ ikun baxx. Jekk it-tnaqqis fl-uġigħ sa l-aħħar tal-perjodu inizjali ma jkunx biżżejjed, id-doża tista' tiżdied wara 3 ijiem, sakemm l-effett mixtieq għal kull pazjent jintlaħaq. Tibdiliet oħrajn fid-doża normalment għandhom isiru b'żidiet ta' 25 mikrogramma/siegħa, iżda għandu jitqies ukoll il-bżonn ta' analġesiċi supplementari u l-istat ta' uġigħ tal-pazjent.
Pazjenti jistgħu jkollhom bżonn ta' dożi supplementari ta'analġesiċi kull tant żmien li jaħdmu malajr biex jilqgħu kontra ħruġ ta' l-uġigħ. Metodi addizzjonali jew alternattivi ta' kura kontra l-uġigħ jew anke amministrazzjoni ta' opjojdi oħrajn għandhom jiġu kkunsidrati meta d-doża ta' *Fentanyl ratiopharm* taqbeż 300 mikrogramma/siegħa.

Sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura ġew irrapportati meta kura fit-tul b'morfina nbidlet f'wahda transdermali b'fentanyl, minkejja kura analġesika effikaċi u adeguata. Huwa rrakkomandat illi pazjenti li juru sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura jingħataw dożi żgħar ta'morfina b'effett qasir.

*Tibdil jew waqfien tat-terapija*
Jekk l-użu tal-garża jrid jiġi mwaqqaf, kull bidla għal opjojdi oħrajn għandha tkun gradwali, tibda b'doza baxxa u tiżdied bil-mod. Dan għaliex il-livelli ta' fentanyl jinżlu gradwalment wara li titneħħa il-garża; ikun hemm bżonn mill-inqas 17-il siegħa sabiex il-konċentrazzjoni ta' fentanyl fis-serum jaqa' b'50 %. Bħala regola ġenerali, it-twaqqif tal-kura analġesika b'opjojdi jrid ikun gradwali, sabiex jiġu evitati sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura (tqalliegħ, rimettar, dijarea, ansjeta'u tregħid muskolari). Tabella 2 u tabella 3 m'għandhomx jintużaw meta tinbidel il-kura minn garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda bil-fentanyl għal kura bil-morfina.

*Metodu ta' l-mministrazzjoni*
Hekk kif titneħħa mill-pakkett u r-*release liner*, il-garża għandha tiġi applikata fuq parti tal-ġilda mingħajr pil lejn in-naħa ta' fuq tal-ġisem (sider, dahar, dirgħajn). Bix jitneħħa l-pil għandu jintuża mqass u mhux xafra.
Qabel l-applikazzjoni, il-ġilda trid titnaddaf b'attenzjoni bl-użu ta' ilma safi (l-ebda aġenti ta' tindif) u titnixxef sewwa. Eżatt wara, il-garża transdermali tiġi applikata permezz ta' pressjoni ħafifa bil-pala tal-id għal madwar 30 sekonda. Il-parti tal-ġilda fejn ser tiġi applikata il-garża m'għandhiex ikollha qsim żgħar (eż. minħabba radjazzjoni jew tqaxxir) u l-ġilda m'għandhiex tkun irritata.
Peress li l-garża transdermali hija protetta b'film estern fuq in-naħa ta' wara li jiflaħ għall-ilma, tista' tintlibes wkoll waqt id-doċċa.
Xi drabi, il-garża jkollha titwaħħal aħjar b'xi ħaġa oħra. .
Jekk isiru żidiet progressivi fid-doża, l-erja tas-superfiċje attiva meħtieġa tista' tilħaq il-punt illi aktar żidiet ma jkunux fiżikament possibli.

*Tul ta' l-amministrazzjoni*
Il-garża għandha tinbidel kull 72 siegħa. Jekk għal xi raġuni jkun jinħtieg li tinbidel qabel il-waqt, l-ebda tibdil m'għandu jsir qabel ma jkunu għaddew 48 siegħa, inkella jista' jkun hemm żieda fil-koncentrazzjoni medja ta'fentanyl. Irid jintagħżel post ġdid fuq il-ġilda għal kull applikazzjoni,.

Mill-inqas 7 ijiem iridu jkunu għaddew qabel ma titwaħħal garża fuq l-istess parti tal-ġilda.L-effett analġesiku jista' jdum għal xi żmien wara li tkun tneħħiet il-garża transdermali.
Jekk jibqgħu xi biċċiet tal-garża fuq il-ġilda wara li din titneħħa, dawn jistgħu jitneħħew bl-użu ta' ammonti kbar ta' ilma u sapun. M'għandhux jintuża l-alkoħol jew solventi oħra biex titnaddaf il-ġilda, għaliex dawn jistgħu jippenetraw fil-ġilda minħabba l-effett tal-garża.

*Tfal u addoloxxenti*
L-esperjenza dwar l-użu fit-tfal ta' taħt it-12-il sena hija limitata. *Fentanyl-ratiopharm* m'għandiex tintuża f'din il-popolozzjoni ta' pazjenti

*Anzjani*
L-anzjani iridu jkunu osservati mill-qrib u d-doża għandha tiġi mnaqqsa jekk ikun hemm bżonn (ara sezzjoni 4.4 u 5.2).

*Indeboliment epatiku u renali*
Pazjenti b'indeboliment epatiku jew renali iridu jkunu osservati mill-qrib u d-doża għandha tiġi mnaqqsa jekk ikun hemm bżonn (ara sezzjoni 4.4).

## 4.3 Kontra-indikazzjonijiet

- Ipersensittività għas-sustanza attiva jew għal xi sustanzi mhux attivi.
- Uġigħ akut jew ta' wara operazzjoni, għax titrazzjoni tad-doża mhix possibbli waqt kura qasira.
- Indeboliment sever tas-sistema nervuża ċentrali

## 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Il-prodott għandu jintuża biss bħala parti minn kura integrali tal-uġigħ f'każi fejn il-pazjent jista jiġi ikkontrollat b'mod mediku, soċjalment u psikoloġikalment kif inhu xieraq.

Kura bil-*Fentanyl –ratiopharm* għandha tinbeda biss minn tabib espert u li hu mgħarref sew fil-farmakokinetika ta' garża transdermali ta' fentanyl u l-periklu ta' ipoventilazzjoni severa.
Wara reazzjoni avversa u serja, il-pazjent irid jibqa' taħt osservazzjoni għal 24 siegħa wara li titneħħa il-garża minħabba il-*half life* ta' fentanyl (ara sezzjoni 5.2).

F'kaz ta' uġiegħ kroniku li mhux ġej minn kanċer, il-kura tista' tinbeda b'opjojd qawwi b'reħa immedjata (eż. morfina), u tiġi preskritta *Fentanyl-ratiopharm* wara li tiġi stabbilita l-effikaċja u l-aħjar dożaġġ ta' l-opjojd qawwi
Il-garża transdermali m'għandiex tinqata', għax m'hemmx informazzjoni disponibbli fuq il-kwalita', l-effikaċja u s-sigurta' ta' garża hekk masqsuma.

Jekk ikun hemm bżonn ta' dożi 'l fuq mill-ekwivalenti ta' 500 mg morfina, huwa rrakkomandat illi t-terapija bl-opjojdi tiġi evalwata mill ġdid.

Wara l-amministrazzjoni b'dozi rakkomandati, r-reazzjonijiet avversi l-aktar komuni huma ħedla, konfużjoni, tqalligħ, rimettar u stitikezza. Dawn ta' l-ewwel huma ta' natura ħafifa u għal żmien qasir u l-kawża tagħhom trid tiġi investigata jekk is-sintomi jippersistu. Mill-banda l-oħra, stitikezza ma' tieqafx sakemm titkompla il-kura. Dawn l-effetti kollha huma mistennija u, għaldaqstant, għandha tittieħed azzjoni minn qabel, speċjalment fir-rigward tas-stitikezza, sabiex il-kura tkun l-aħjar possibbli. Ta' spiss, jitsta' jagħti l-każ li jkun hemm bżonn ta' kura korrettiva (ara sezzjoni 4.8).

L-użu konkomittanti ta' buprenorphine, nalbuphine jew pentazocine mhux irrakkomandat (ara sezzjoni 4.5)

*Ħruġ ta' uġigħ mhux mistenni*

Minkejja kura b'garza ta' fentanyl, sthharriġ wera li kważi l-pazjenti kollha jkollhom bżonn ta' mediċini qawwija u li jaħdmu fil-pront sabiex jilqgħu immedjatament kontra l-ħruġ ta' uġigħ mhux mistenni.

*Dipressjoni respiratorja*
L-istess kif jiġri bl-użu tal-opjojdi qawwijin kollha, xi pażjenti jistgħu jbatu minn dipressjoni repiratorja meta jużaw *Fentanyl-ratiopharm* u l-pazjenti jridu jiġu sorveljati sewwa li ma' jkollhomx dan l-effett. Id-dipressjoni respiratorja tista' tippersisti wkoll wara li titneħħa l-garża. L-inċidenza tad-dipressjoni respiratorja tiżdied hekk kif tiżdied id-doża ta' fentanyl. Sustanżi attivi li jaffettwaw is-CNS jistgħu jaggravaw d-dipressjoni respiratorja (ara sezzjoni 4.5).
F'pazjenti fejn id-dipressjoni repiratorju diġa' hija preżenti, il-fentanyl għandu jintuża b'kawtela kbira u f'dożi baxxi.

*Mard kroniku fil- pulmun*
Fentanyl jista' jkollu iktar reazzjonijiet avversi u severi f'pazjenti li jbatu minn imblukkar kroniku jew mard ieħor fil-pulmun. F'dawn il-pazjenti, l-opjojdi jistgħu jbaxxu ir-ritmu respiratorju u jżidu r-resistenza għall-arja fil-passaġġ respiratorju.

*Dipendenza fuq id-droga*
Tolleranza u dipendenza fisika u psikoloġika tista' tiżviluppa bl-amministrazzjoni ripetuta tal-opjojdi, iżda huma rari fil-kura ta' l-uġigħ relatat mal-kanċer .

*Żieda tal-pressjoni ġol-kranju*
*Fentanyl-ratiopharm* għandu jintuża bil-prudenza f'pazjenti li jistgħu jkunu iktar suxxettibli għall-effetti ġewwa l-kranju ġejjin minħabba retenzjoni ta'$CO_2$, bħal ma huma dawk b'evidenza ta' żieda tal-pressjoni ġol-kranju, diffikulta' li jibqgħu konxji, jew koma.

*Mard tal-qalb*
L-opjojdi jistgħu jikkawżaw pressjoni baxxa, speċjalment f'pazjenti li jbatu minn ipovolimja. Pazjenti li jbatu minn pressjoni baxxa u/jew pazjenti li jbatu minn ipovolimja jridu jkunu kkurati b'attenzjoni kbira. Fentanyl jista' jipproduċi bradikardja. *Fentanyl-ratiopharm* irid jiġi amministrat bi prudenza f'pazjenti li jbatu minn bradiarritmija.

*Indeboliment tal-fwied*
Fentanyl jiġi metabolizzat fil-fwied f'mataboliti inattivi; għalhekk l-eliminazzjoni tista' tieħu iktar fit-tul f'pazjenti li jbatu minn mard tal-fwied. Pazjenti li jbatu minn indeboliment tal-fwied għandhom jiġu osservati b'attenzjoni u id-doża għandha tiġi mnaqqsa fejn ikun hemm bżonn.

*Indeboliment renali*
Inqas minn 10 % ta' fentanyl jiġi eliminat bħala prodott mhux mibdul mill-kliewi u, kuntrarjament għal morfina, m'hemm l-ebda metaboliti attivi magħrufa li jiġu eliminati mill-kliewi. Tagħrif miġbur wara l-amministrazzjoni tal-fentanyl ġol-vina f'pazjenti b'insuffiċjenza renali jindika li l-volum ta' distribuzzjoni tal-fentanyl jista' jinbidel bid-dijaliżi. Dan jista' jaffetwa l-konċentrazzjonijiet fis-serum. Jekk pazjenti b'indeboliment renali jirċievu fentanyl transdermali, dawn għandhom jiġu osservati bir-reqqa għal xi ħjiel ta' tossiċita' tal-fentanyl u d-doża għandha tiġi mnaqqsa jekk ikun hemm il-bżonn.

*Pazjenti b'deni/sħana esterna*
Żieda sostanzjali fit-temperatura tal-ġisem tista' tirriżulta f'żieda fir-rata ta' assorbiment ta' fentanyl. Għalhekk, pazjenti li jkollhom id-deni jridu jkunu monitorjati għal xi reazzjonijiet avversi tal-opjojdi. Il-post fejn tiġi applikata il-garża m'għandux jiġi espost għas-sħana ġejja minn sorsi esterni eż.Sawna.

*Pazjenti anzjani*
Tagħrif minn studji li saru bl-amministrazzjoni ta' fentanyl ġol-vina jindika li f'pazjenti anzjani jista' jkun hemm rata ta' eliminazzjoni mnaqqsa u *half-life* itwal. Barra minn hekk, l-anzjani jistgħu ikunu aktar sensittivi għas-sustanza attiva minn pazjenti iżgħar minnhom. Madankollu, minn studji li saru

bl-użu tal-*Fentanyl transdermal patch* f'pazjenti anzjani, irriżulta li ma kienx hemm differenza sinjifikanti fil-parametri farmakokinetiċi ħdejn pazjenti żgħar, għalkemm il-konċentrazzjonijiet fis-serum kellhom tendenza li jkunu ogħla. Pazjenti anzjani jew kakesiċi għandhom jiġu osservati b'attenzjoni u id-doża għandha tiġi mnaqqsa jekk ikun hemm il-bżonn.

*Pazjenti pedjatriċi*
Minħabba l-użu limitat fit-tfal taħt it-12-il sena, *Fentanyl-ratiopharm* għandu jintuża f'din il-kategorija ta' pazjenti biss wara li jiġi stabbilit sewwa jekk il-benefiċċju potenzjali jiġġustifikax ir-riskju potenzjali assoċjat mal-użu.

*Treddiegħ:*
Peress illi fentanyl jiġi eliminat fil-ħalib tal-omm, it-treddiegħ għandu jitwaqqaf waqt kura bil-*Fentany-ratiopharm* (ara sezzjoni 4.6)

*Pazjenti b'majestenja gravis*
Jista' jkun hemm rejazzjonijiet mhux epilettiċi (mijo)kloniċi. Pazjenti b'majestenja gravis għandhom jiġu kkurati bil-prudenza.

*Interazzjonijiet*
Bħala regola, l-użu kkombinat ma derivattivi ta' barbituric acid, buprenorphine, nalbuphine u pentazocine għandu jiġi evitat (ara sezzjoni 4.5)

**4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarjiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

L-użu fl-istess ħin ta' derivattivi ta' barbituric acid għandu jiġi evitat, peress li l-effett ta' dipressjoni repiratorja kawżat mill-fentanyl jista' jiżdied.

L-użu konkomittanti ta' buprenorphine, nalbuphine jew pentazocine mhux rakommandat. Dawn għandhom affinità għolja għal riċettaturi ta' l-opjojdi waqt li l-attivita' intrinsika tagħhom hija relittavament baxxa. Għaldaqstant jopponu parzjalment l-effett analġesiku ta' fentanyl u jistgħu ikunu kawża ta' sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura f'pazjenti dipendenti fuq l-opjojdi (ara sezzjoni 4.4)

L-użu konkomittanti ta' dipressanti oħrajn tas-CNS jista' jikkawża żieda fl-effetti dipressanti, u jista' jkun hemm ipoventilazzjoni, pressjoni baxxa kif ukoll sedazzjoni qawwija jew koma. Id-dipressanti tas-CNS imsemmija jinkludu:

- opjojdi
- ansjolitiċi u trankwillanti
- ipnotiċi
- anestetiċi generali
- phenothiazines
- Rilassanti tal-muskoli skeletali
- antiistaminiċi b'effetti sedattivi
- xorb alkoħoliku

Għalhekk, l-użu ta' xi wieħed mill-kumbinazzjonijiet bejn medicini u sustanzi attivi hawn fuq imsemmija jirrikjedi sorveljanza stretta tal-pazjent.

Inibituri tal-MAO gew irrapurtati li jżidu l-effett tal-analġesiċi narkotiċi, speċjalment f'pazjenti li jbatu minn insuffiċjenza tal-qalb. Għalhekk, fentanyl m'għandux jintuża qabel ma' jgħaddu 14-il ġurnata mill-waqfien ta' kura bl-inibituri tal-MAO.

Fentanyl, sustanza li għandha rata ta' tneħħija għolja**,** tiġi metabolizzata malajr u b'mod estensiv, l-aktar minn CYP3A4.
Itraconazole (inibitur qawwi ta' CYP3A4) mogħti f'doża orali ta' 200 mg/ġurnata għal erbat ijiem ma' kellu ebda effett sinjifikanti fuq il-farmakokinetika ta' fentanyl mogħti minn ġol-vina. Madankollu,

f'xi individwi, ġew osservati żiediet tal-konċentrazzjoni fil-plażma. L-amministrazzjoni orali ta' ritonavir (wieħed mill-inibituri l-iktar qawwi ta' CYP3A4) tbaxxi b'żewġ terzi r-rata tat-tneħħija ta' fentanyl mogħti minn ġol-vina, u tirdoppja l-*half-life*. L-użu fl-istess ħin ta' inibituri qawwijin ta' CYP3A4 (ez.ritonavir) ma użu transdermali ta' fentanyl jista' jirriżulta f'żieda fil- konċentrazzjoni fil-plażma ta' fentanyl. Dan jista' jzid jew itawwal, kemm l-effetti terapewtiċi, kif ukoll l-effetti avversari, b'rizultat ta' dipressjoni respiratorja qawwija. F'każi bħal dawn, hemm bżonn li l-pazjent jiġi kkurat u osservat b'aktar attenzjoni. L-użu fl-istess ħin ta' ritonavir, jew inibituri qawwijin ta' CYP3A4 oħrajn, ma' l-użu transdermali ta' fentanyl m'huwiex irrakkomandat sakemm il-pazjent ma jiġix osservat bir-reqqa.

### 4.6 Tqala u effetti fuq il-ħalib tas-sider

Is-sigurta' fl-użu ta' fentanyl fit-tqala għada ma gietx stabbilita. Studji fuq annimali urew tossiċita' fis-sistema riproduttiva (ara sezzjoni 5.3). Ir-riskju potenzjali fuq il-bniedem għadu mhux magħruf. Fentanyl m'għandux jintuża waqt it-tqala ħlief meta jkun hemm il-bżonn ċar.
Kura fit-tul waqt it-tqala, tista' tikkawża sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura fit-tarbija.
L-użu ta' fentanyl waqt it-tqala u il-ħlas (anke ħlas ċesarju) m'huwiex irrakkommandat għax il-fentanyl jgħaddi mill-plaċenta u jista' jikkawza dipressjoni respiratorja fit-tarbija tat-twelid.
Fentanyl joħroġ fil-ħalib tas-sider u għaldaqstant jista' jkollu effetti sedattivi u jikkawza dipressjoni respiratorja fit-trabi li qed jerdgħu. Għalhekk, it-treddiegħ irid jitwaqqaf waqt il-kura u sa mill-inqas 72 siegħa wara li titneħħa il-F*entanyl-ratiopharm* (ara sezzjoni 4.4)

### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

*Fentanyl-ratiopharm* għandu effett qawwi ħafna fuq il-ħila ta' sewqan u l-użu ta' magni. Dan għandu jkun mistenni speċjalment fil-bidu tal-kura, meta tinbidel id-doża, kif ukoll meta jintuża flimkien mal-alkoħol jew aġenti sedattivi. Dawn ir-restrizzjonijiet mhux bil-fors japplikaw għal dawk il-pazjenti li jinsabu fl-istat fiss fuq dożaġġ speċifiku. Għalhekk, pazjenti għandhom ifittxu l-parir tat-tabib biex jaraw jekk jistgħux isuqu u jħaddmu magni.

### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

Reazzjonijiet avversi huma kklassifikati taħt it-titlu tal-frekwenza, l-aktar frekwenti l-ewwel, bil-konvenzjoni li ġejja: komuni ħafna ( ≥ 10 %), komuni ( ≥ 1 % u < 10 %), mhux komuni ( ≥ 0.1 % u < 1 %), rari (≥ 0.01 % u < 0.1 %), rari ħafna ( ≤ 0.01 %).

L-effett mhux mixtieq, l-iktar serju, kkawżat mill-fentanyl huwa d-dipressjoni respiratorja.

*Disturbi fil-qalb*
Mhux komuni: takikardija, bradikardija.
Rari: arritmija.

*Disturbi fis-sistema nervuża*
Komuni ħafna: uġigħ ta' ras, sturdament.
Mhux komuni: tregħid, parasteżija, anormalitajiet fil-kliem u fil-lingwa.
Rari ħafna: ataxia, aċċessjonijiet, (kemm tat-tip kloniku kif ukoll grand mal).

*Disturbi fl-għajnejn*
Rari ħafna: ambliopija.

*Disturbi respiratorji, toraċiċi, u medjastinali*
Mhux komuni: qtugħ ta' nifs, rata baxxa tat-teħid tan-nifs.
Rari ħafna: dipressjoni respiratorja, apneja.

*Disturbi gastro-intestinali*
Komuni ħafna: tqalliegħ, rimettar, stitikezza.

Komuni: gżerostomja, dispepsja.
Mhux komuni: dijarea
Rari: sulluzzu.
Rari ħafna: gass fl-istonku bl-uġigħ, sadd fl-imsaren (ileju).

*Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja*
Mhux komuni: żamma ta' l-awrina.
Rari ħafna: uġigħ fil-bużżieqa ta' l-awrina, oligurja.

*Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda*
Komuni ħafna: żieda fl-għaraq, ħakk.
Komuni: reazzjonijiet tal-ġilda fil-post fejn titwaħħal il-garża.
Mhux komuni: exantema, eritema
Ir-raxx, l-eritema u l-ħakk is-soltu jisparixxu f'inqas minn ġurnata wara li titneħħa l-garża.

*Disturbi vaskulari*
Mhux komuni: pressjoni għolja, pressjoni baxxa.
Rari: vasodilatazzjoni.

*Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet fil-post tal-amministrazzjoni*
Rari: edima, ksieħ.

*Disturbi fis-sistema immunitarja*
Rari ħafna: anafilassi.

*Disturbi psikjatriċi*
Komuni ħafna: ngħas.
Komuni: sedazzjoni, nervożita', nuqqas ta' aptit.
Mhux komuni: ewforija, amnesija, nuqqas ta' rqad, alluċinazzjonijiet, aġitazzjoni.
Rari ħafna: ħsibijiet delużjonali, eċċitament eċċessiv, astenja, dipressjoni, ansjeta', konfużjoni, anormalita' fil-funzjoni sesswali, sintomi assoċjati mal-waqfien mill-kura.

*Effetti mhux mixtieqa oħrajn*
Mhux magħrufa (ma jistgħux jiġu evalwati mit-tagħrif kurrenti): L-użu fit-tul ta' fentanyl jista' jwassal għal żvilupp ta' reżistenza u dipendenza kemm fiżika kif ukoll psikoloġika. Wara bidla minn analġesiċi opjojdi għall-*Fentanyl-ratiopharm* jew wara tmiem ħesrem tat-terapija, il-pazjenti jistgħu jezibixxu sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura tal-opjojdi (per eżempju: tqalliegħ, rimettar, dijarea, anzjeta' u tregħid).

## 4.9 Doża eċċessiva

*Sintomi*
Is-sintomi ta' doża eċċessiva ta' fentanyl huma estensjonijiet ta' l-attivita` farmakoloġika ez.letarġija, koma, dipressjoni respiratorja, b'respirazzjoni Cheyne-Stokes, u/jew *cyanosis*. Sintomi oħrajn jistgħu jkunu ipotermja, tnaqqis fit-ton tal-muskoli (ipotonija), bradikardija, pressjoni baxxa. Sinjali ta' tossiċita' huma sedazzjoni qawwija, *ataxia*, *miosis*, konvulżjonijiet u dipressjoni respiratorja, b'dan ta' l-aħħar ikun is-sintomu ewlieni.

*Trattament*
Miżuri fil-pront għandhom jittieħdu kontra d-dipressjoni respiratorja, li jinkludu it-tneħħija tal-garża u t-tqanqil fiżiku u verbali tal-pazjent. Dan jista' jiġi segwit bl-amministrazzjoni ta' antagonista speċifika ta' l-opjojdi bħal ma' hu naloxone.

Id-doża inizjali rrakkomandata ghall-adulti hi 0.4-2 mg naloxone hydrochloride mogħtija minn ġol-vina. Jekk ikun hemm il-bżonn, doża simili tista' tingħata kull 2-3 minuti, inkella tista' tiġi amministrata bħala infużjoni kontinwa ta' 2mg ġo 500ml sodium chloride 9mg/ml (0.9 %) soluzzjoni

għall-injezzjoni jew ġo soluzzjoni ta' glucose 50mg/ml (5 %). Ir-rata ta' infużjoni trid tiġi aġġustata skond l-injezzjonijiet bolus meħuda qabel u r-rispons individwali tal-pazjent. Jekk l-amministrazzjoni minn ġol-vina ma tkunx possibli, naloxone hydrochloride jista' jingħata wkoll fil-muskolu jew taħt il-ġilda. L-effett, wara l-amministrazzjoni ġol-muskolu jew taħt il-ġilda, idum iktar biex jibda jinħass meta mqabbel ma' dak ta' wara l-amministrazzjoni minn ġol-vina. L-effett wara l-amministrazzjoni ġol-muskolu idum iktar fit-tul meta mqabbel ma' dak ta' wara l-amministrazzjoni minn ġol-vina. Dipressjoni respiratorja minħabba doża eċċessiva tista' ddum iktar mill-effett ta' l-antagonista ta' l-opjojdi. L-inverzjoni tal-effett narkotiku tista' tirriżulta f'uġigħ akut u l-liberazzjoni ta' *catecholamines*. Kura intensiva hija importanti jekk din tkun meħtieġa minħabba l-kundizzjoni klinika tal-pazjent. Jekk ikun hemm pressjoni baxxa qawwija jew persistenti, għandha tiġi kkunsidrata l-possibilita' ta' ipovolimja, u din il-kundizzjoni trid tiġi mmaneġġjata bit-terapija fluwida u parenterali xierqa.

# 5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

## 5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Kategorija farmakoterapewtika: opjojdi; derivattivi ta' Phenylpiperidine, Kodiċi ATC: N02AB03

Fentanyl huwa analġesiku tal-klassi opjojdi li jinteraġixxi l-aktar ma' l-*$\mu$-receptor*. L-effetti prinċipali huma analġesija u sedazzjoni. Il-konċentrazzjoni ta' fentanyl fis-serum, li tikkawża effett minimu ta' analġesija f'pazjenti li qed jirċievu opjojdi għall-ewwel darba, tvarja bejn 0.3-1.5ng/ml; isseħħ żieda fl-inċidenza ta' reazzjonijiet avversi meta l-livelli fis-serum jiskorru 2ng/ml.
Kemm l-inqas doża effettiva ta' fentanyl, kif ukoll il-konċentrazzjoni minima li tikkawża reazzjonijiet avversi, jiżdiedu hekk kif tiżviluppa żieda fit-tolleranza. Hemm differenzi kbar fit-tendenza għal l-iżvilupp ta' tolleranza bejn pażjent u ieħor.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Wara l-amministrazzjoni ta' *Fentanyl-ratiopharm*, fentanyl jiġi assorbit kontinwament minn ġol-ġilda għal perijodu ta' 72 siegħa. Kawża tal- *polymer matrix* u d-diffużjoni ta' fentanyl mis-saffi tal-ġilda, ir-rata ta' rħir tibqa' relattivament kostanti.

*Assorbiment*
Wara l-ewwel applikazzjoni ta' *Fentanyl-ratiopharm*, il-konċentrazzjoni ta' fentanyl fis-serum tiżdied b'mod gradwali, issir livell bejn 12 u 24 siegħa wara, u tibqa' relattivament kostanti għall-bqija tal-perijodu ta' l-applikazzjoni ta' 72 siegħa. Il-konċentrazzjoni ta' fentanyl fis-serum tiddependi fuq id-daqs tal-garża ta' fentanyl. Fil-prattika, sat-tieni applikazzjoni ta'72 siegħa, il-konċentrazzjoni fissa fis-serum diġa' tkun intlaħqet u din tiġi miżmuma tul l-applikazzjonijiet sussegwenti b'garża ta' l-istess daqs.

*Distribuzzjoni*
Il-perċentwal ta' fentanyl li jeħel mal-proteini tad-demm huwa 84 %.

*Biotrasformazzjoni*
Fentanyl jiġi metabolizzat primarjament fil-fwied minn CYP3A4. Il-metabolit prinċipali, norfentanyl, m'huwiex attiv.

*Eliminazzjoni*
Meta titwaqqaf il-kura bil-*Fentanyl-ratiopharm* il-konċentrazzjoni ta' fentanyl fis-serum taqa' gradwalment, u titbaxxa b'madwar 50 % fit-13 sa 22 siegħa fl-adulti jew fit-22 sa 25 siegħa fit-tfal, rispettivament. L-assorbiment ta' fentanyl li jissokta mill-ġilda jispjega għaliex ir-rata ta' tnaqqis tal-konċentrazzjoni fis-serum hija inqas minn dik osservata wara infużjoni minn ġol-vina.

Madwar 75 % ta' fentanyl jiġi eliminat fl-awrina, l-biċċa l-kbira bħala metaboliti, b'inqas minn 10 % mneħħi bħala prodott mhux mibul. Madwar 9 % mid-doża mogħtija tista' tiġi estratta mill-purgar, il-biċċa l-kbira bħala metaboliti.

*Farmakokinetika f'popolazzjonijiet speċjali*
L-anzjani u pazjenti debboli jistgħu ikollhom rata ta' eliminazzjoni ta' fentanyl baxxa li twassal għal *half life* terminali mtawwal. F'pazjenti b'indeboliment renali jew epatiku, jista' jkun hemm tibdil fir- rata ta' eliminazzjoni ta' fentanyl, minnħabba bidliet fil-proteini tal-plażma u t-tneħħija metabolika, li jwassal għal żieda tal-konċentrazzjonijiet fis-serum.

### 5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

Tagħrif mhux kliniku, bbażat fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, ma' juri l-ebda periklu speċjali għall-bnedmin, l-ebda effett tossiku minn dożi ripetuti u l-ebda effett tossiku fuq il-ġeni.
Studji fuq annimali urew fertilita' mnaqqsa u żieda fil-mortalita' tal-fetu tal-ġrieden. Mandankollu, effetti teratoġeniċi ma ġewx stabbiliti.
Studji fit-tul dwar attivita' karċinoġenika ma twettqux.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi

*Saff li jwaħħal*
Saff li jwaħħal magħmul minn Polyacrylate

*Fojl warrani*
Fojl magħmul minn Polypropylene
Linka għall-istampar kaħlanija

*Release liner*
Fojl magħmul minn Polyethylene terephthalate (bis-silicone)

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

18-il xahar

### 6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C

### 6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Kull garża transdermali hija ippakkjata għaliha ġo qartas separat. Il-fojl Composite huwa magħmul minn dawn is-saffi, minn barra għal ġewwa: karta Kraft miksija, fojl ta' polyethylene b'densita' baxxa, fojl ta' l-aluminju, Surlyn (thermoplastic ethylene-methacrylic acid copolymer).

Pakketti li fihom 3, 5, 10 jew 20 garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

Kwantitajiet kbar ta'fentanyl jibqgħu fil-garża transdermali wkoll wara l-użu tagħha. Il-garża wżata trid tkun mitwija bin-naħat li jwaħħlu fuq il-parti ta'ġewwa u tintrema, jew meta jkun possibli, tittieħed lura għand is-spiżjar. Kull fdalijiet tal-prodott li ma jiġux użati għandhom jintremew jew jittieħdu lura għand l-ispiżjar.

## 7. ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}
{telefon}
{fax}
{e-mail}

## 8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## 9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA

{XX/SSSS}

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

# 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

*Fentanyl-ratiopharm 50 µg/h Matrixpflaster* u ismijiet assoċjati miegħu (Ara Anness I)

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

# 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull garża terħi 50 mikrogramma fentanyl fis-siegħa. Kull garża ta' 15 $cm^2$ fiha 8.25 mg fentanyl.

Għal lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

# 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

Garża trasparenti u bla kulur b'sinjal kaħlani fuq il-fojl warrani: "fentanyl 50 µg/h".

# 4. TAGĦRIF KLINIKU

## 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Il-prodott huwa indikat f'uġigħ qawwi u kroniku li jista' jiġi immaniġġjat adegwatament biss bl-użu ta' analġesiċi tat-tip opjojdi.

## 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Id-dożaġġ huwa addattat għal kull individwu u ibbażat fuq l-istorja ta' kura bl-opjojdi tal-pazjent u jitqies:

- Il-possibilita' li tiġi żviluppata tolleranza,
- Il-kundizzjoni ġenerali fil-preżent, l-istat mediku tal-pazjent, u
- Il-grad tas-severita' tal-kundizzjoni.

Id-doża ta' fentanyl hija mfassla individwalment u trid tiġi riveduta ta' spiss wara kull amministrazzjoni.

*Pazjenti li jirċievu kura bl-opjojdi għall-ewwel darba*
Garża li terħi 12.5 mikrogramma/siegħa hija disponibbli u din għandha tintuża fid-dożaġġ tal-bidu . Fl-anzjani ta' eta' kbira ħafna u f'pazjenti debboli ħafna, mhux irrakkommandat illi tinbeda kura bl-opjojdi bil-*Fentanyl-ratiopharm*, minħabba is-suxxettibbilita' magħrufa li dawn il-pażjenti għandhom għal din it-tip ta' kura. F'każi bħal dawn, ikun aktar xieraq illi l-kura tinbeda b'dożi zgħar ta' morfina li tintreħa immedjatament u il-*Fentanyl-ratiopharm* jiġi preskritt biss wara li tiġi stabbilita d-doża ottimali.

*Tibdil minn opjojdi oħrajn*
Rari: Tħabbit tal-qalb irregolari, vini u arterji imwessgħin, sulluzzu, akkumulazzjoni ta' ilma fil-ġisem, kesħa.

Rari ħafna: Rejazzjonijiet allerġiċi ġenerali b'inżul fil-pressjoni tad-demm u/jew problemi fin-nifs (rejazzjonijiet anafilattiċi), ħsibijiet mhux normali, eċċitament eċċessiv, debbolezza, dipressjoni, ansjeta', confużjoni, funzjoni sesswali anormali, sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura, problemi fil-koordinazzjoni, aċċessjonijiet (kemm tat-tip kloniku kif ukoll grand mal), vista mnaqqsa, indeboliment tas-sistema respiratorja (dipressjoni

respiratorja), waqfien tas-sistema respiratorja (apneja), nefħa fl-istonku bl-uġigħ, blukkaġġ tas-sistema diġestiva, uġigħ fil-bużżieqa tal-awrina, produzzjoni mnaqqsa ta' awrina (eskrezzjoni mnaqqsa tal-awrina).

Jekk ilek tuża l-*Fentanyl-ratiopharm* għal żmien twil, jita' jagħti l-każ li l-effett tiegħu jibda' jinħass inqas, tant illi d-doża trid tiġi rranġata (jista' tkun żviluppata reżistenza). Tista' tiżviluppa dipendenza fiżika wkoll u tista' tbati minn sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura jekk tieqaf ħesrem mill-kura tiegħek. Dawn is-sintomi jinkludu tqalliegħ, rimettar, dijarea, ansjeta' u tregħid.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN *FENTANYL-RATIOPHARM*

Żomm il-mediċina fejn ma tintlaħaqx u ma tidhirx mit-tfal, ukoll wara li tispiċċa minnha. Kwantitajiet kbar tas-sustanza attiva jibqgħu fil-garża transdermali wkoll wara li tkun spiċċajt mill-użu tagħha.

Tużax *Fentanyl-ratiopharm* wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakett. Id-data ta' skadenza tirreferi għal l-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.

Għall-protezzjoni ta' l-ambjent u minħabba raġunijiet ta' sigurta', il-garża wżata kif ukoll dawk mhux użati jew skaduti għandhom jintremew jew jittieħdu lura għand l-ispiżjar. Il-garża wżata trid tiġi mitwija fi tnejn biż-żewġ naħat li jwaħħlu mwaħħlin ma' xulxin. Poġġi l-garża wżata lura fil-pakkett ta' barra u armiha, jew, meta jkun possibli, ħudha lura għand l-ispiżjar.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

**X'fih *Fentanyl-ratiopharm***

- Is-sustanza attiva hi fentanyl.
  Kull garża terħi 50 mikrogramma fentanyl fis-siegħa. Kull garża ta' 15 $cm^2$ fiha 8.25 mg fentanyl.

- Is-sustanzi l-oħra huma :
  Saff li jwaħħal: Saff li jwaħħal magħmul minn Polyacrylate
  Fojl warrani: Fojl magħmul minn Polypropylene, Linka għall-istampar kaħlanija
  Release liner: Fojl magħmul minn Polyethylene terephthalate (bis-silicone)

**Id-Dehra ta' *Fentanyl-ratiopharm* u d-daqs tal-pakkett:**

*Fentanyl-ratiopharm* hija garża trasparenti li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda bil-parti ta' wara li twaħħal biex b'hekk tkun tista' titwaħħal mal-ġilda. Il-garża transdermali għandha is-qawwa partikolari tagħha stampata b'linka kaħlanija fuq il-parti ta' wara.
*Fentanyl-ratiopharm* huwa disponibbli f'paketti ta' 3, 5, 10 jew 20 il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.
Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali

**Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:**

[Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

{telefon}
{fax}
{e-mail}

**Manifattur:**

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Str. 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

**Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-istati membri ta' l-EEA b'dawn l-ismijiet :**

**<DE/H/0739/02/MR>**

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | Fentanyl-ratiopharm 50 µg/h transdermales Matrixpflaster |
| Il-Ġermanja | Fentanyl-ratiopharm 50 µg/h Matrixpflaster |
| Spanja | Fentanilo Matrix ratiopharm 50 microgramos/h parches transdérmicos EFG |
| Franza | Fentanyl ratiopharm 50 µg/h, dispositif transdermique |
| L-Olanda | Fentanyl ratiopharm 50 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik |
| Ir-Renju Unit | Telfanyl 50 microgram/hr Transdermal patch |

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f' {XX/SSSS}**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU**

*Fentanyl-ratiopharm 75 µg/h Matrixpflaster* u ismijiet assoċjati miegħu (Ara Anness I)

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

fentanyl

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina**
- Żomm dan il-fuljett. Jista jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**F'dan il-fuljett:**
1. X'inhu *Fentanyl-ratiopharm* u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża *Fentanyl-ratiopharm*
3. Kif għandek tuża *Fentanyl-ratiopharm*
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen *Fentanyl-ratiopharm*
6. Aktar tagħrif

## 1. X'INHU *FENTANYL-RATIOPHARM* U GĦALXIEX JINTUŻA

Fentanyl jappartjeni għall-grupp ta' analġesiċi qawwijin li jissejħu opjojdi.
L-analġesiku, fentanyl, jgħaddi bil-mod mill-garża, minn ġol-ġilda u għal ġol-ġisem.

*Fentanyl-ratiopharm* jintuża għall-kura ta' uġigħ qawwi w dewmieni li jista' jiġi mmaneġġjat adegwatament biss permezz ta' analġesiċi qawwijin

## 2. QABEL MA TUŻA *FENTANYL-RATIOPHARM*

Tużax *Fentanyl-ratiopharm*
- jekk inti allerġiku/a (tbati minn sensittività eċċessiva) għal fentanyl jew sustanzi oħra tal-prodott
- jekk tbati minn uġigħ illi ma' jdumx fit-tul, eż. wara proċedura kirurġica.
- jekk is-sistema nervuża ċentrali tiegħek hija dgħajfa ħafna bħal, per eżempju, wara ferita fil-moħħ

**Oqgħod attent ħafna b'** *Fentanyl-ratiopharm***:**

| |
|---|
| TWISSIJA:<br>*Fentanyl-ratiopharm* huwa prodott mediċinali li jista' jkun ta' theddida għall-ħajja fit-tfal. Dan japplika wkoll għal garża transdermali użata.<br>Dejjem żomm f'moħħok illi l-għamla tal-prodott tista' tidher attrajenti fl-għajnejn tat-tfal.<br>*Fentanyl-ratiopharm* jista' jkollu effetti mhux mixtieqa ta' theddida għall-ħajja f'persuni li mhux qed jieħdu mediċini tat-tip opjojdi fuq bażi regolari. |

Qabel tibda l-kura b'*Fentanyl-ratiopharm* għandek tgħarraf lit-tabib tiegħek jekk tbati minn kundizzjonijiet imsemmijin hawn taħt, peress li r-riskju ta' effetti mhux mixtieqa huwa ogħla u għaldaqstant it-tabib jista' jiktiblek doża inqas ta' fentanyl.

- ażma, dipressjoni respiratorja jew xi mard fil-pulmun
- pressjoni baxxa
- indeboliment tal-fwied
- indeboliment tal-kliewi
- jekk kellek xi ferita f'rasek, tumur ġo moħħok, sinjali ta' żieda tal-pressjoni ġol-kranju (eż. uġigħ ta' ras, tibdil fil-vista), tibdil fl-isstat konxju jew tintilef minn sensik jew koma
- rata baxxa u irregolari tat-taħbit tal-qalb (bradiarritmija)
- Majastenja gravis (marda li tikkawza għejja u indeboliment fil-muskoli)

Għarraf lit-tabib tiegħek jekk jaqbdek id-deni waqt il-kura, għax żieda fit-temperatura tal-ġisem tista' twassal għal assorbiment żejjed tal-mediċina minn ġol-ġilda. Għall-istess raġuni, għandek tevita li tesponi l-garza mwaħħla fuq il-ġilda għal sorsi ta' sħana esterna bħal kutri tal-elettriku, hot water bottles, sawna, solarium jew banju sħun. Tista' toqgħod barra fix-xemx, iżda trid tgħatti l-garża b'xi ħwejjeġ fil-ġranet sħan tas-sajf.

Tolleranza, kif ukoll dipendenza fiżika jew psikoloġika, tista' tirriżulta jekk tuża l-*Fentanyl-ratiopharm* għal medda twila ta' żmien. Madankollu, dawn rarament li jseħħu waqt il-kura tal-uġigħ tal-kanċer.

Jekk inti pazjent anzjan, jew jekk tinstab f'kundizzjoni fisika ħażina ħafna (kakesiku), it-tabib tiegħek ser josservak b'iktar attenzjoni, għax jista' jkun hemm il-bżonn li d-doża preskritta tiġi mnaqqsa.

Il-garża m'għandiex tinqasam f'biċċiet iżgħar, għax m'hemmx informazzjoni disponibbli fuq il-kwalita', l-effikaċja u s-sigurta' ta' garża hekk masqsuma.

Tfal
*Fentanyl-ratiopharm* m'għandux jintuża fit-tfal taħt it-12-il sengħa għaliex it-tagħrif disponibbli dwar l-użu fit-tfal huwa limitat. Tista' ssir eċċezzjoni meta t-tabib ikun ippreskriva espressivament *Fentanyl-ratiopharm***.**

**Meta tuża mediċini oħra**

Jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu barbiturates (jintużaw għal problemi ta' rqad), buprenorphine, nalbuphine jew pentazocine (analġesiċi qawwijin oħrajn). Mhux irrakkommandat li dawn jittieħdu waqt l-użu ta' *Fentanyl-ratiopharm*

Jekk qed tuża, fl-istess ħin, mediċini oħrajn li jistgħu jaffetwaw il-funzjoni tal-moħħ, ir-riskju ta' effetti sekondarji, speċjalment id-diffikultà biex tieħu n-nifs, jiżdied. Per eżempju, dan japplika għal:
- mediċini li jtaffu l-ansjeta' (kalmanti)
- mediċini għal kura tad-dipressjoni (antidipressivi)
- mediċini għal kura ta' disturbi psikoloġiċi (newroleptiċi)
- anestetiċi, jekk taħseb li ser tieħu anestetiku, għarraf lit-tabib jew id-dentist illi qed tuża *Fentanyl-ratiopharm*
- mediċini għal kura ta' disturbi tal-irqad (ipnotiċi, aġenti sedattivi, barbiturates)
- mediċini kontra l-allerġiji jew id-dardir tas-safar (Antiħistaminiċi/anti-emetiċi)
- analġesiċi qawwijin oħrajn (opjojdi)
- l-alkoħol

M'għandekx tuża l-mediċini li ġejjin flimkien ma' *Fentanyl-ratiopharm*, sakemm ma' tkunx osservat mill-viċin mit-tabib tiegħek.
Dawn il-mediċini jistgħu iżidu l-effetti kif ukoll l-effetti sekondarji ta'*Fentanyl-ratiopharm*. Dan japplika għal, per eżempju:
- ritonavir (użat fil-kura tal-marda t'AIDS)
- ketoconazole, itraconazole (użati għall-kura ta' infezzjonijiet tal-fungu)
- diltiazem (użat għall-kura ta' mard fil-qalb)
- cimetidine (użat għall-kura ta' mard gastro-intestinali)

- antibiotiċi makrolidi (użati għall-kura ta' infezzjonijiet)

Jekk jogħġbok, għarraf lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi inibituri ta' MAO (ez. Moclobemide, jintuża kontra d-dipressjoni, jew selegiline, jintuża fil-kura tal-marda ta' Parkinson) jew jekk tkun ħadthom fl-aħħar ġimgħatejn. Jekk dawn il-mediċini jittieħdu flimkien, tista' tiżdied it-tossiċita' tagħhom.

Jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta.

**Meta tuża *Fentany -ratiopharm* ma' l-ikel u max-xorb:**

L-użu fl-istess ħin ta' *Fentanyl-ratiopharm* u x-xorb alkoħoliku jżid ir-riskju ta' reazzjonijiet avversi severi, u jista' jikkawża diffikultà fin-nifs, tnaqqis fil-pressjoni tad-demm, sedazzjoni profonda u koma.

**Tqala u Treddigħ**

Itlob il-parir tat-tabib jew ta' l-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.
L-użu ta' *Fentanyl-ratiopharm* waqt it-tqala u il-ħlas (anki ħlas ċesarju) mhux rakkommandat, peress li fentanyl jista' jikkawza problemi tan-nifs fit-tarbija tat-twelid.
Jekk toħroġ tqila waqt kura bil-*Fentanyl-ratiopharm*, fittex il-parir tat-tabib tiegħek.
*Fentanyl-ratiopharm* m'għandux jintuża waqt it-tqala u r-treddiegħ ħlief meta jkun hemm bżonn ċar. Is-sigurta' waqt it-tqala għada ma gietx stabbilita. Fentanyl joħroġ fil-ħalib tas-sider u għaldastant jista' jkollu effetti sedattivi u jikkawza dipressjoni respiratorja fit-trabi li għadhom qed jerdgħu. Il-ħalib tas-sider li tipproduċi l-omm waqt il-kura, jew sa 72 siegħa wara li titneħħa l-aħħar garża, għandu jintrema.

**Sewqan u tħaddim ta' magni:**

*Fentanyl-ratiopharm* għandu effett qawwi ħafna fuq il-ħila tas-sewqan u l-użu ta' magni. Dan ikun iktar mistenni fil-bidu tal-kura, meta tinbidel id-doża, kif ukoll meta jintuża flimkien mal-alkoħol jew aġenti sedattivi. Jeqq kont qed tuża l-istess doża ta' *Fentanyl-ratiopharm* għal zmien twil, it-tabib tiegħek jista' jtik permess biex issuq jew tħaddem magni perikolużi. M'għandekx issuq jew tħaddem magni perikolużi waqt l-użu ta' *Fentanyl-ratiopharm*, sakemm it-tabib tiegħek ma jgħidlekx speċifikament illi dan huwa permess.

## 3. KIF GĦANDEK TUŻA *FENTANYL-RATIOPHARM*

Dejjem uża *Fentanyl-ratiopharm* eżattament kif ikun qallek it-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew ma' l-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

It-tabib tiegħek jiddeċidi liema doża ta' *Fentanyl-ratiopharm* hi l-iktar addatata għalik. It-tabib tiegħek jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq: kemm qed tħoss uġigħ, il-kundizzjoni ġenerali tiegħek u it-tip ta' kura għall-uġigħ li tkun irċevejt s'issa.
Skond ir-rispons tiegħek, jista' jkun hemm bżonn illi d-doża tal-garża jew in-numru tagħhom jiġumibdula. L-effett analġesiku massimu jintlaħaq sa 24 siegħa wara li tkun ingħatat l-ewwel garża u jiddgħajjef gradwalment wara li din titneħħa. Twaqqafx il-kura qabel ma tfittex il-parir tat-tabib tiegħek

L-ewwel garza tibda taħdem bil-mod, u l-effett jista' jdum biex jinħass anki ġurnata, u għaldaqstant it-tabib tiegħek jista' jippreskrivilek analġesiċi oħrajn, sakemm l-effett tal-*Fentanyl-ratiopharm* jibda jinħass kif meħtieġ. Wara, il- *Fentanyl-ratiopharm* għandu jgħin biex itaffi l-uġigħ kontinwament u jista' jkun possibli li tieqaf tieħu dawn l-analġesiċi żejda. Madankollu, xorta waħda jista' jkollok bżonn ta' analġesiċi miżjuda kull tant żmien..

**Kif tapplika l-*Fentanyl-ratiopharm***

- Sib post ċatt fuq il-parti ta' fuq ta' ġismek (il-fuq mil-qadd) ( jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk fejn m'hemmx pil, qsim, ponot jew xi difett ieħor. Il-parti tal-ġisem ma tridx tkun irritata minħabba trattament bir-raġġi.
- Jekk il-ġilda għandha l-pil, neħħieh bl-użu ta' mqass. Tqaxxarx, għax it-tqaxxir jirrita il-ġilda. Jekk il-ġilda għandha bżonn tiġi maħsula, inħasel bl-ilma. Tużax sapun, żejt, fwejjaħ, alkoħol, jew xi likwidu għall-ħasil tal-ġisem iehor li jista' jirrita l-ġilda. Il-ġilda trid tkun kompletament niexfa qabel ma' titwaħħal il-garża.
- Il-garża trid titwaħħal immedjatament wara li l-pakkett jinfetaħ. Wara li jitneħħa r-*release liner,* il-garża tiġi applikata fuq il-ġilda permezz ta' pressjoni ħafifa bil-pala tal-id għal madwar 30 sekonda sabiex ikun assigurat li l-garża teħel sewwa mal-ġilda. Oqgħod attent li l-ġnub tal-garża jeħlu sewwa.
- Garża ta' *Fentanyl-ratiopharm* is-soltu tintuża għal 72 siegħa (3 ijiem). Tista' tniżżel id-data u il-ħin ta' meta applikajt il-garża fuq il-kaxxa ta' barra. Dan jista' jgħinek biex tiftakar meta l-garża għandha tinbidel.
- Il-post fejn titwaħħal il-garża ma' jridx ikun espost għas-sħana li ġejja minn sorsi esterni (ara "Oqgħod attent ħafna bil-*Fentanyl-ratiopharm*")
- Peress li l-garża transdermali hija protetta b'film estern fuq in-naħa ta' wara li jiflaħ għall-ilma, tista' tintlibes wkoll waqt id-doċċa.
- Fit-tfal, in-naħa ta' fuq tad-dar huwa il-post preferibbli fejn titwaħħal il-garża, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju li it-tifel/tifla i/tneħħi l-garża.

**Kif tibdel il-garża transdermali**

- Neħħi l-garża wara l-perijodu li jkun speċifikalek it-tabib. Fl-aktar każi, dan huwa wara 72 siegħa (3 ijiem), f'xi pazjenti wara 48 siegħa (2 ijiem). Is-soltu, il-garża ma' tinqalax waħedha. Jekk jibqgħu xi biċċiet tal-garża fuq il-ġilda wara li din titneħħa, dawn jistgħu jitneħħew bl-użu ta' ammonti kbar ta' ilma u sapun.
- Itwi l-garża wżata b'mod illi l-ġnub li jwaħħlu jeħlu ma' xulxin. Poġġi l-garża wżata lura fil-pakkett ta' barra u armiha, jew, jekk ikun possibli, ħudha lura għand l-ispiżjar.
- Applika garża ġdida kif spjegat qabel iżda fuq parti oħra tal-ġilda. Mill-inqas 7 ijiem iridu jkunu għaddew qabel ma' tkun tista' tintuża l-istess parti tal-ġisem.

**Jekk tuża *Fentanyl-ratiopharm* aktar milli suppost**

Jekk waħħalt numru ta' garżi iktar milli suppost, neħħihom u fittex il-parir tat-tabib tiegħek jew ċempel l-isptar biex tara x'inhu r-riskju.

Is-sinjal l-aktar komuni ta' doża eċċessiva huwa abilita' mnaqqsa biex tieħu n-nifs. Is-sintomi huma t-teħid tan-nifs ikun bil-mod ħafna jew in-nifs ikun dgħajjef . Jekk dan iseħħ, neħħi il-garża u kkuntattja t-tabib minnufiħ. Waqt li qed tistenna l-wasla tat-tabib, żomm il-pażjent imqajjem billi tkellmu jew iċċaqalqu minn ħin għall-iehor.
Sinjali u sintomi oħrajn ta' doża eċċessiva huma ħedla, temperatura baxxa, rata baxxa tat-taħbit tal-qalb, tnaqqis fit-ton tal-muskoli, sedazjoni profonda, telf ta' koordinazzjoni fil-muskoli, djuq fil-pupilla tal-għajnejn u konvulżjonijiet.

**Jekk tinsa tuża *Fentanyl-ratiopharm***

Taħt l-ebda ċirkostanzi ma trid tieħu doża doppja biex tpatti għal xi doża li tkun insejt tieħu. Għandek tbiddel il-garża darba kull tlett ijiem (kull 72 siegħa) fl-istess ħin, sakemm it-tabib tiegħek ma' jgħidlekx mod ieħor. Jekk tinsa', biddel il-garża fil-mument li tiftakar. Jekk tkun bdilt il-garża tard ħafna, tkellem mat-tabib tiegħek għax jista' jkollok bżonn ta' xi analġesiċi oħrajn.

**Jekk tieqaf tuża *Fentanyl-ratiopharm***

Jekk tixtieq tinterrompi jew twaqqaf il-kura, dejjem għandek tgħarraf lit-tabib tiegħek dwar ir-raġunijiet għaliex trid tieqaf mill-kura u ħu parir dwar il-kura sussegwenti tiegħek.
L-użu fit-tul ta' *Fentanyl-ratiopharm* jista' jirriżulta f'dipendenza fiżika. Jekk tieqaf tuża l-garża, jista' ma tħossokx sewwa.
Peress li r-riskju tal-effetti assoċjati mal-waqfien mill-kura huwa ikbar meta tiġi mwaqqfa ħesrem, qatt m'għandek tieqaf mill-kura minn jeddek, imma għandek dejjem l-ewwel tfittex il-parir tat-tabib tiegħek

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, *Fentanyl-ratiopharm* jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm jistgħu ma' jidhrux f'kulħadd.

It-termini li ġejjin jintużaw biex jiddeskrivu kemm il darba ġew irrapurtati l-effetti sekondarji:

| | |
|---|---|
| ***Komuni ħafna*** | iseħħu f'iktar minn pazjent minn kull 10 |
| ***Komuni*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 10, iżda f'iktar minn 1 minn kull 100 pazjenti |
| ***Mhux komuni*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 100, iżda f'iktar minn 1 minn kull 1,000 pazjenti |
| ***Rari*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 1000, iżda f'iktar minn 1 minn kull 10000 pazjenti |
| ***Rari ħafna*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 10000 pazjenti, rapporti iżolati inklużi |

Jekk iġġarrab xi effetti sekondarji minn dawn li ġejjin li huma serji, imma rari ħafna, , minnufih għandek twaqqaf il-kura u tmur għand it-tabib tiegħek jew lejn l-isptar: dipressjoni respiratorja qawwija (qtugħ ta' nifs qawwi, ħsejjes fin-nifs) jew blukkaġġ kompletament tas-sistema diġestiva (uġigħ konvulsiv, rimettar, uġigħ minħabba gass fl-istonku).

Effetti sekondarji oħrajn:
Komuni ħafna: Ngħas, uġigħ ta' ras, sturdament, tqalliegħ, rimettar, stitikezza, żieda fl-għaraq, ħakk. Is-soltu, il-ħakk jispiċċa fiżmien ġurnata wara li titneħħa l-garża.

Komuni: Ngħas jew għejja kbira (effett dipressanti fuq il-moħħ), nervożismu, nuqqas ta'aptit, ħalq xott, uġigħ ta' żaqq, reazzjonijiet tal-ġilda fil-post fejn titwaħħal il-garża

Mhux komuni: Ferħ bla ebda raġuni , telf tal- memorja, problemi ta' rqad, alluċinazzjonijiet, aġitazzjoni, tregħid, disturbi tas-sensi, disturbi fil-kliem u fil-lingwa, inżul jew żieda fil-pressjoni u t-tħabbit tal-qalb, problemi fin-nifs, dijarea, problemi biex tgħaddi l-awrina, raxx, ħmura (eritema).
Is-soltu, ir-raxx u l-ħmura jisparixxu fiżmien ġurnata wara li titneħħa l-garża.

Rari: Tħabbit tal-qalb irregolari, vini u arterji imwessgħin, sulluzzu, akkumulazzjoni ta' ilma fil-ġisem, kesħa.

Rari ħafna: Rejazzjonijiet allerġiċi ġenerali b'inżul fil-pressjoni tad-demm u/jew problemi fin-nifs (rejazzjonijiet anafilattiċi), ħsibijiet mhux normali, eċċitament eċċessiv, debbolezza, dipressjoni, ansjeta', konfużjoni, funzjoni sesswali anormali, sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura, problemi fil-koordinazzjoni, aċċessjonijiet (kemm tat-tip kloniku kif ukoll grand mal), vista mnaqqsa, indeboliment tas-sistema respiratorja (dipressjoni

respiratorja), waqfien tas-sistema respiratorja (apneja), nefħa fl-istonku bl-uġigħ, blukkaġġ tas-sistema diġestiva, uġigħ fil-bużżieqa tal-awrina, produzzjoni mnaqqsa ta' awrina (eskrezzjoni mnaqqsa tal-awrina).

Jekk ilek tuża l-*Fentanyl-ratiopharm* għal żmien twil, jita' jagħti l-każ li l-effett tiegħu jibda' jinħass inqas, tant illi d-doża trid tiġi rranġata (jista' tkun żviluppata reżistenza). Tista' tiżviluppa dipendenza fiżika wkoll u tista' tbati minn sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura jekk tieqaf ħesrem mill-kura tiegħek. Dawn is-sintomi jinkludu tqalliegħ, rimettar, dijarea, ansjeta' u tregħid.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN *FENTANYL-RATIOPHARM*

Żomm il-mediċina fejn ma tintlaħaqx u ma tidhirx mit-tfal, ukoll wara li tispiċċa minnha. Kwantitajiet kbar tas-sustanza attiva jibqgħu fil-garża transdermali wkoll wara li tkun spiċċajt mill-użu tagħha.

Tużax *Fentanyl-ratiopharm* wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakett. Id-data ta' skadenza tirreferi għal l-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.

Għall-protezzjoni ta' l-ambjent u minħabba raġunijiet ta' sigurta', il-garża wżata kif ukoll dawk mhux użati jew skaduti għandhom jintremew jew jittieħdu lura għand l-ispiżjar. Il-garża wżata trid tiġi mitwija fi tnejn biż-żewġ naħat li jwaħħlu mwaħħlin ma' xulxin. Poġġi l-garża wżata lura fil-pakkett ta' barra u armiha, jew, meta jkun possibli, ħudha lura għand l-ispiżjar.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

**X'fih *Fentanyl-ratiopharm***

- Is-sustanza attiva hi fentanyl.
  Kull garża terħi 75 mikrogramma fentanyl fis-siegħa. Kull garża ta' 22.5 $cm^2$ fiha 12.375 mg fentanyl.

- Is-sustanzi l-oħra huma :
  Saff li jwaħħal: Saff li jwaħħal magħmul minn Polyacrylate
  Fojl warrani: Fojl magħmul minn Polypropylene, Linka għall-istampar kaħlanija
  Release liner: Fojl magħmul minn Polyethylene terephthalate (bis-silicone)

**Id-Dehra ta' *Fentanyl-ratiopharm* u d-daqs tal-pakkett:**

*Fentanyl-ratiopharm* hija garża trasparenti li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda bil-parti ta' wara li twaħħal biex b'hekk tkun tista' titwaħħal mal-ġilda. Il-garża transdermali għandha is-qawwa partikolari tagħha stampata b'linka kaħlanija fuq il-parti ta' wara.
*Fentanyl-ratiopharm* huwa disponibbli f'paketti ta' 3, 5, 10 jew 20 il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.
Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali

**Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:**

[Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

{telefon}
{fax}
{e-mail}

**Manifattur:**

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Str. 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

**Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-istati membri ta' l-EEA b'dawn l-ismijiet :**

**<DE/H/0739/03/MR>**

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | Fentanyl-ratiopharm 75 µg/h transdermales Matrixpflaster |
| Il-Ġermanja | Fentanyl-ratiopharm 75 µg/h Matrixpflaster |
| Spanja | Fentanilo Matrix ratiopharm 75 microgramos/h parches transdérmicos EFG |
| Franza | Fentanyl ratiopharm 75 µg/h, dispositif transdermique |
| L-Olanda | Fentanyl ratiopharm 75 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik |
| Ir-Renju Unit | Telfanyl 75 microgram/hr Transdermal patch |

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f' {XX/SSSS}**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU**

*Fentanyl-ratiopharm 100 µg/h Matrixpflaster* u ismijiet assoċjati miegħu (Ara Anness I)

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

fentanyl

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina**

- Żomm dan il-fuljett. Jista jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**F'dan il-fuljett:**

1. X'inhu *Fentanyl-ratiopharm* u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża *Fentanyl-ratiopharm*
3. Kif għandek tuża *Fentanyl-ratiopharm*
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen *Fentanyl-ratiopharm*
6. Aktar tagħrif

## 1. X'INHU *FENTANYL-RATIOPHARM* U GĦALXIEX JINTUŻA

Fentanyl jappartjeni għall-grupp ta' analġesiċi qawwijin li jissejħu opjojdi.
L-analġesiku, fentanyl, jgħaddi bil-mod mill-garża, minn ġol-ġilda u għal ġol-ġisem.

*Fentanyl-ratiopharm* jintuża għall-kura ta' uġigħ qawwi w dewmieni li jista' jiġi mmaneġġjat adegwatament biss permezz ta' analġesiċi qawwijin

## 2. QABEL MA TUŻA *FENTANYL-RATIOPHARM*

Tużax *Fentanyl-ratiopharm*

- jekk inti allerġiku/a (tbati minn sensittività eċċessiva) għal fentanyl jew sustanzi oħra tal-prodott
- jekk tbati minn uġigħ illi ma' jdumx fit-tul, eż. wara proċedura kirurġica.
- jekk is-sistema nervuża ċentrali tiegħek hija dgħajfa ħafna bħal, per eżempju, wara ferita fil-moħħ

**Oqgħod attent ħafna b'** *Fentanyl-ratiopharm***:**

| |
|---|
| TWISSIJA:<br>*Fentanyl-ratiopharm* huwa prodott mediċinali li jista' jkun ta' theddida għall-ħajja fit-tfal. Dan japplika wkoll għal garża transdermali użata.<br>Dejjem żomm f'moħħok illi l-għamla tal-prodott tista' tidher attrajenti fl-għajnejn tat-tfal.<br>*Fentanyl-ratiopharm* jista' jkollu effetti mhux mixtieqa ta' theddida għall-ħajja f'persuni li mhux qed jieħdu mediċini tat-tip opjojdi fuq bażi regolari. |

Qabel tibda l-kura b'*Fentanyl-ratiopharm* għandek tgħarraf lit-tabib tiegħek jekk tbati minn kundizzjonijiet imsemmijin hawn taħt, peress li r-riskju ta' effetti mhux mixtieqa huwa ogħla u għaldaqstant it-tabib jista' jiktiblek doża inqas ta' fentanyl.

- ażma, dipressjoni respiratorja jew xi mard fil-pulmun
- pressjoni baxxa
- indeboliment tal-fwied
- indeboliment tal-kliewi
- jekk kellek xi ferita f'rasek, tumur ġo moħħok, sinjali ta' żieda tal-pressjoni ġol-kranju (eż. uġigħ ta' ras, tibdil fil-vista), tibdil fl-isstat konxju jew tintilef minn sensik jew koma
- rata baxxa u irregolari tat-taħbit tal-qalb (bradiarritmija)
- Majastenja gravis (marda li tikkawza għejja u indeboliment fil-muskoli)

Għarraf lit-tabib tiegħek jekk jaqbdek id-deni waqt il-kura, għax żieda fit-temperatura tal-ġisem tista' twassal għal assorbiment żejjed tal-mediċina minn ġol-ġilda. Għall-istess raġuni, għandek tevita li tesponi l-garza mwaħħla fuq il-ġilda għal sorsi ta' sħana esterna bħal kutri tal-elettriku, hot water bottles, sawna, solarium jew banju sħun. Tista' toqgħod barra fix-xemx, iżda trid tgħatti l-garża b'xi ħwejjeġ fil-ġranet sħan tas-sajf.

Tolleranza, kif ukoll dipendenza fiżika jew psikoloġika, tista' tirriżulta jekk tuża l-*Fentanyl-ratiopharm* għal medda twila ta' żmien. Madankollu, dawn rarament li jseħħu waqt il-kura tal-uġigħ tal-kanċer.

Jekk inti pazjent anzjan, jew jekk tinstab f'kundizzjoni fisika ħażina ħafna (kakesiku), it-tabib tiegħek ser josservak b'iktar attenzjoni, għax jista' jkun hemm il-bżonn li d-doża preskritta tiġi mnaqqsa.

Il-garża m'għandiex tinqasam f'biċċiet iżgħar, għax m'hemmx informazzjoni disponibbli fuq il-kwalita', l-effikaċja u s-sigurta' ta' garża hekk masqsuma.

Tfal
*Fentanyl-ratiopharm* m'għandux jintuża fit-tfal taħt it-12-il sengħa għaliex it-tagħrif disponibbli dwar l-użu fit-tfal huwa limitat. Tista' ssir eċċezzjoni meta t-tabib ikun ippreskriva espressivament *Fentanyl-ratiopharm***.**

**Meta tuża mediċini oħra**

Jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu barbiturates (jintużaw għal problemi ta' rqad), buprenorphine, nalbuphine jew pentazocine (analġesiċi qawwijin oħrajn). Mhux irrakkommandat li dawn jittieħdu waqt l-użu ta' *Fentanyl-ratiopharm*

Jekk qed tuża, fl-istess ħin, mediċini oħrajn li jistgħu jaffetwaw il-funzjoni tal-moħħ, ir-riskju ta' effetti sekondarji, speċjalment id-diffikultà biex tieħu n-nifs, jiżdied. Per eżempju, dan japplika għal:
- mediċini li jtaffu l-ansjeta' (kalmanti)
- mediċini għal kura tad-dipressjoni (antidipressivi)
- mediċini għal kura ta' disturbi psikologiċi (newroleptiċi)
- anesteti ċi, jekk taħseb li ser tieħu anestetiku, għarraf lit-tabib jew id-dentist illi qed tuża *Fentanyl-ratiopharm*
- mediċini għal kura ta' disturbi tal-irqad (ipnotiċi, aġenti sedattivi, barbiturates)
- mediċini kontra l-allerġiji jew id-dardir tas-safar (Antiħistaminiċi/anti-emetiċi)
- analġesiċi qawwijin oħrajn (opjojdi)
- l-alkoħol

M'għandekx tuża l-mediċini li ġejjin flimkien ma' *Fentanyl-ratiopharm*, sakemm ma' tkunx osservat mill-viċin mit-tabib tiegħek.
Dawn il-mediċini jistgħu iżidu l-effetti kif ukoll l-effetti sekondarji ta'*Fentanyl-ratiopharm*. Dan japplika għal, per eżempju:
- ritonavir (użat fil-kura tal-marda t'AIDS)
- ketoconazole, itraconazole (użati għall-kura ta' infezzjonijiet tal-fungu)
- diltiazem (użat għall-kura ta' mard fil-qalb)
- cimetidine (użat għall-kura ta' mard gastro-intestinali)

- antibiotiċi makrolidi (użati għall-kura ta' infezzjonijiet)

Jekk jogħġbok, għarraf lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi inibituri ta' MAO (ez. Moclobemide, jintuża kontra d-dipressjoni, jew selegiline, jintuża fil-kura tal-marda ta' Parkinson) jew jekk tkun ħadthom fl-aħħar ġimgħatejn. Jekk dawn il-mediċini jittieħdu flimkien, tista' tiżdied it-tossiċita' tagħhom.

Jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta.

**Meta tuża *Fentany -ratiopharm* ma' l-ikel u max-xorb:**

L-użu fl-istess ħin ta' *Fentanyl-ratiopharm* u x-xorb alkoħoliku jżid ir-riskju ta' reazzjonijiet avversi severi, u jista' jikkawża diffikultà fin-nifs, tnaqqis fil-pressjoni tad-demm, sedazzjoni profonda u koma.

**Tqala u Treddigħ**

Itlob il-parir tat-tabib jew ta' l-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.
L-użu ta' *Fentanyl-ratiopharm* waqt it-tqala u il-ħlas (anki ħlas ċesarju) mhux rakkommandat, peress li fentanyl jista' jikkawza problemi tan-nifs fit-tarbija tat-twelid.
Jekk toħroġ tqila waqt kura bil-*Fentanyl-ratiopharm*, fittex il-parir tat-tabib tiegħek.
*Fentanyl-ratiopharm* m'għandux jintuża waqt it-tqala u r-treddiegħ ħlief meta jkun hemm bżonn ċar. Is-sigurta' waqt it-tqala għada ma gietx stabbilita. Fentanyl joħroġ fil-ħalib tas-sider u għaldastant jista' jkollu effetti sedattivi u jikkawza dipressjoni respiratorja fit-trabi li għadhom qed jerdgħu. Il-ħalib tas-sider li tipproduċi l-omm waqt il-kura, jew sa 72 siegħa wara li titneħħa l-aħħar garża, għandu jintrema.

**Sewqan u tħaddim ta' magni:**

*Fentanyl-ratiopharm* għandu effett qawwi ħafna fuq il-ħila tas-sewqan u l-użu ta' magni. Dan ikun iktar mistenni fil-bidu tal-kura, meta tinbidel id-doża, kif ukoll meta jintuża flimkien mal-alkoħol jew aġenti sedattivi. Jeqq kont qed tuża l-istess doża ta' *Fentanyl-ratiopharm* għal zmien twil, it-tabib tiegħek jista' jtik permess biex issuq jew tħaddem magni perikolużi. M'għandekx issuq jew tħaddem magni perikolużi waqt l-użu ta' *Fentanyl-ratiopharm*, sakemm it-tabib tiegħek ma jgħidlekx speċifikament illi dan huwa permess.

## 3. KIF GĦANDEK TUŻA *FENTANYL-RATIOPHARM*

Dejjem uża *Fentanyl-ratiopharm* eżattament kif ikun qallek it-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew ma' l-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

It-tabib tiegħek jiddeċidi liema doża ta' *Fentanyl-ratiopharm* hi l-iktar addatata għalik. It-tabib tiegħek jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq: kemm qed tħoss uġigħ, il-kundizzjoni ġenerali tiegħek u it-tip ta' kura għall-uġigħ li tkun irċevejt s'issa.
Skond ir-rispons tiegħek, jista' jkun hemm bżonn illi d-doża tal-garża jew in-numru tagħhom jiġumibdula. L-effett analġesiku massimu jintlaħaq sa 24 siegħa wara li tkun ingħatat l-ewwel garża u jiddgħajjef gradwalment wara li din titneħħa. Twaqqafx il-kura qabel ma tfittex il-parir tat-tabib tiegħek

L-ewwel garza tibda taħdem bil-mod, u l-effett jista' jdum biex jinħass anki ġurnata, u għaldaqstant it-tabib tiegħek jista' jippreskrivilek analġesiċi oħrajn, sakemm l-effett tal-*Fentanyl-ratiopharm* jibda jinħass kif meħtieġ. Wara, il- *Fentanyl-ratiopharm* għandu jgħin biex itaffi l-uġigħ kontinwament u jista' jkun possibli li tieqaf tieħu dawn l-analġesiċi żejda. Madankollu, xorta waħda jista' jkollok bżonn ta' analġesiċi miżjuda kull tant żmien..

**Kif tapplika l-*Fentanyl-ratiopharm***

- Sib post ċatt fuq il-parti ta' fuq ta' ġismek (il-fuq mil-qadd) ( jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk fejn m'hemmx pil, qsim, ponot jew xi difett ieħor. Il-parti tal-ġisem ma tridx tkun irritata minħabba trattament bir-raġġi.
- Jekk il-ġilda għandha l-pil, neħħieh bl-użu ta' mqass. Tqaxxarx, għax it-tqaxxir jirrita il-ġilda. Jekk il-ġilda għandha bżonn tiġi maħsula, inħasel bl-ilma. Tużax sapun, żejt, fwejjaħ, alkoħol, jew xi likwidu għall-ħasil tal-ġisem iehor li jista' jirrita l-ġilda. Il-ġilda trid tkun kompletament niexfa qabel ma' titwaħħal il-garża.
- Il-garża trid titwaħħal immedjatament wara li l-pakkett jinfetaħ. Wara li jitneħħa r-*release liner,* il-garża tiġi applikata fuq il-ġilda permezz ta' pressjoni ħafifa bil-pala tal-id għal madwar 30 sekonda sabiex ikun assigurat li l-garża teħel sewwa mal-ġilda. Oqgħod attent li l-ġnub tal-garża jeħlu sewwa.
- Garża ta' *Fentanyl-ratiopharm* is-soltu tintuża għal 72 siegħa (3 ijiem). Tista' tniżżel id-data u il-ħin ta' meta applikajt il-garża fuq il-kaxxa ta' barra. Dan jista' jgħinek biex tiftakar meta l-garża għandha tinbidel.
- Il-post fejn titwaħħal il-garża ma' jridx ikun espost għas-sħana li ġejja minn sorsi esterni (ara "Oqgħod attent ħafna bil-*Fentanyl-ratiopharm*")
- Peress li l-garża transdermali hija protetta b'film estern fuq in-naħa ta' wara li jiflaħ għall-ilma, tista' tintlibes wkoll waqt id-doċċa.
- Fit-tfal, in-naħa ta' fuq tad-dar huwa il-post preferibbli fejn titwaħħal il-garża, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju li it-tifel/tifla i/tneħħi l-garża.

**Kif tibdel il-garża transdermali**

- Neħħi l-garża wara l-perijodu li jkun speċifikalek it-tabib. Fl-aktar każi, dan huwa wara 72 siegħa (3 ijiem), f'xi pazjenti wara 48 siegħa (2 ijiem). Is-soltu, il-garża ma' tinqalax waħedha. Jekk jibqgħu xi biċċiet tal-garża fuq il-ġilda wara li din titneħħa, dawn jistgħu jitneħħew bl-użu ta' ammonti kbar ta' ilma u sapun.
- Itwi l-garża wżata b'mod illi l-ġnub li jwaħħlu jeħlu ma' xulxin. Poġġi l-garża wżata lura fil-pakkett ta' barra u armiha, jew, jekk ikun possibli, ħudha lura għand l-ispiżjar.
- Applika garża ġdida kif spjegat qabel iżda fuq parti oħra tal-ġilda. Mill-inqas 7 ijiem iridu jkunu għaddew qabel ma' tkun tista' tintuża l-istess parti tal-ġisem.

**Jekk tuża *Fentanyl-ratiopharm* aktar milli suppost**

Jekk waħħalt numru ta' garżi iktar milli suppost, neħħihom u fittex il-parir tat-tabib tiegħek jew ċempel l-isptar biex tara x'inhu r-riskju.

Is-sinjal l-aktar komuni ta' doża eċċessiva huwa abilita' mnaqqsa biex tieħu n-nifs. Is-sintomi huma t-teħid tan-nifs ikun bil-mod ħafna jew in-nifs ikun dgħajjef . Jekk dan iseħħ, neħħi il-garża u kkuntattja t-tabib minnufiħ. Waqt li qed tistenna l-wasla tat-tabib, żomm il-pażjent imqajjem billi tkellmu jew iċċaqalqu minn ħin għall-iehor.
Sinjali u sintomi oħrajn ta' doża eċċessiva huma ħedla, temperatura baxxa, rata baxxa tat-taħbit tal-qalb, tnaqqis fit-ton tal-muskoli, sedazjoni profonda, telf ta' koordinazzjoni fil-muskoli, djuq fil-pupilla tal-għajnejn u konvulżjonijiet.

**Jekk tinsa tuża *Fentanyl-ratiopharm***

Taħt l-ebda ċirkostanzi ma trid tieħu doża doppja biex tpatti għal xi doża li tkun insejt tieħu. Għandek tbiddel il-garża darba kull tlett ijiem (kull 72 siegħa) fl-istess ħin, sakemm it-tabib tiegħek ma' jgħidlekx mod ieħor. Jekk tinsa', biddel il-garża fil-mument li tiftakar. Jekk tkun bdilt il-garża tard ħafna, tkellem mat-tabib tiegħek għax jista' jkollok bżonn ta' xi analġesiċi oħrajn.

**Jekk tieqaf tuża *Fentanyl-ratiopharm***

Jekk tixtieq tinterrompi jew twaqqaf il-kura, dejjem għandek tgħarraf lit-tabib tiegħek dwar ir-raġunijiet għaliex trid tieqaf mill-kura u ħu parir dwar il-kura sussegwenti tiegħek.
L-użu fit-tul ta' *Fentanyl-ratiopharm* jista' jirriżulta f'dipendenza fiżika. Jekk tieqaf tuża l-garża, jista' ma tħossokx sewwa.
Peress li r-riskju tal-effetti assoċjati mal-waqfien mill-kura huwa ikbar meta tiġi mwaqqfa ħesrem, qatt m'għandek tieqaf mill-kura minn jeddek, imma għandek dejjem l-ewwel tfittex il-parir tat-tabib tiegħek

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, *Fentanyl-ratiopharm* jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm jistgħu ma' jidhrux f'kulħadd.

It-termini li ġejjin jintużaw biex jiddeskrivu kemm il darba ġew irrapurtati l-effetti sekondarji:

| | |
|---|---|
| ***Komuni ħafna*** | iseħħu f'iktar minn pazjent minn kull 10 |
| ***Komuni*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 10, iżda f'iktar minn 1 minn kull 100 pazjenti |
| ***Mhux komuni*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 100, iżda f'iktar minn 1 minn kull 1,000 pazjenti |
| ***Rari*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 1000, iżda f'iktar minn 1 minn kull 10000 pazjenti |
| ***Rari ħafna*** | iseħħu f'inqas minn 1 kull 10000 pazjenti, rapporti iżolati inklużi |

Jekk iġġarrab xi effetti sekondarji minn dawn li ġejjin li huma serji, imma rari ħafna, , minnufiħ għandek twaqqaf il-kura u tmur għand it-tabib tiegħek jew lejn l-isptar: dipressjoni respiratorja qawwija (qtugħ ta' nifs qawwi, ħsejjes fin-nifs) jew blukkaġġ kompletament tas-sistema diġestiva (uġigħ konvulsiv, rimettar, uġigħ minħabba gass fl-istonku).

Effetti sekondarji oħrajn:

Komuni ħafna: Ngħas, uġigħ ta' ras, sturdament, tqalliegħ, rimettar, stitikezza, żieda fl-għaraq, ħakk. Is-soltu, il-ħakk jispiċċa fiżmien ġurnata wara li titneħħa l-garża.

Komuni: Ngħas jew għejja kbira (effett dipressanti fuq il-moħħ), nervożismu, nuqqas ta'aptit, ħalq xott, uġigħ ta' żaqq, reazzjonijiet tal-ġilda fil-post fejn titwaħħal il-garża

Mhux komuni: Ferħ bla ebda raġuni , telf tal- memorja, problemi ta' rqad, alluċinazzjonijiet, aġitazzjoni, tregħid, disturbi tas-sensi, disturbi fil-kliem u fil-lingwa, inżul jew żieda fil-pressjoni u t-tħabbit tal-qalb, problemi fin-nifs, dijarea, problemi biex tgħaddi l-awrina, raxx, ħmura (eritema).
Is-soltu, ir-raxx u l-ħmura jisparixxu fiżmien ġurnata wara li titneħħa l-garża.

Rari: Tħabbit tal-qalb irregolari, vini u arterji imwessgħin, sulluzzu, akkumulazzjoni ta' ilma fil-ġisem, kesħa.

Rari ħafna: Rejazzjonijiet allerġiċi ġenerali b'inżul fil-pressjoni tad-demm u/jew problemi fin-nifs (rejazzjonijiet anafilattiċi), ħsibijiet mhux normali, eċċitament eċċessiv, debbolezza, dipressjoni, ansjeta', konfużjoni, funzjoni sesswali anormali, sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura, problemi fil-koordinazzjoni, aċċessjonijiet (kemm tat-tip kloniku kif ukoll grand mal), vista mnaqqsa, indeboliment tas-sistema respiratorja (dipressjoni

respiratorja), waqfien tas-sistema respiratorja (apneja), nefħa fl-istonku bl-uġigħ, blukkaġġ tas-sistema diġestiva, uġigħ fil-bużżieqa tal-awrina, produzzjoni mnaqqsa ta' awrina (eskrezzjoni mnaqqsa tal-awrina).

Jekk ilek tuża l-*Fentanyl-ratiopharm* għal żmien twil, jita' jagħti l-każ li l-effett tiegħu jibda' jinħass inqas, tant illi d-doża trid tiġi rranġata (jista' tkun żviluppata reżistenza). Tista' tiżviluppa dipendenza fiżika wkoll u tista' tbati minn sintomi assoċjati mal-waqfien tal-kura jekk tieqaf ħesrem mill-kura tiegħek. Dawn is-sintomi jinkludu tqalliegħ, rimettar, dijarea, ansjeta' u tregħid.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN *FENTANYL-RATIOPHARM*

Żomm il-mediċina fejn ma tintlaħaqx u ma tidhirx mit-tfal, ukoll wara li tispiċċa minnha. Kwantitajiet kbar tas-sustanza attiva jibqgħu fil-garża transdermali wkoll wara li tkun spiċċajt mill-użu tagħha.

Tużax *Fentanyl-ratiopharm* wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakett. Id-data ta' skadenza tirreferi għal l-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.

Għall-protezzjoni ta' l-ambjent u minħabba raġunijiet ta' sigurta', il-garża wżata kif ukoll dawk mhux użati jew skaduti għandhom jintremew jew jittieħdu lura għand l-ispiżjar. Il-garża wżata trid tiġi mitwija fi tnejn biż-żewġ naħat li jwaħħlu mwaħħlin ma' xulxin. Poġġi l-garża wżata lura fil-pakkett ta' barra u armiha, jew, meta jkun possibli, ħudha lura għand l-ispiżjar.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

**X'fih *Fentanyl-ratiopharm***

- Is-sustanza attiva hi fentanyl.
  Kull garża terħi 100 mikrogramma fentanyl fis-siegħa. Kull garża ta' 30 $cm^2$ fiha 16.5 mg fentanyl.

- Is-sustanzi l-oħra huma :
  Saff li jwaħħal: Saff li jwaħħal magħmul minn Polyacrylate
  Fojl warrani: Fojl magħmul minn Polypropylene, Linka għall-istampar kaħlanija
  Release liner: Fojl magħmul minn Polyethylene terephthalate (bis-silicone)

**Id-Dehra ta' *Fentanyl-ratiopharm* u d-daqs tal-pakkett:**

*Fentanyl-ratiopharm* hija garża trasparenti li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda bil-parti ta' wara li twaħħal biex b'hekk tkun tista' titwaħħal mal-ġilda. Il-garża transdermali għandha is-qawwa partikolari tagħha stampata b'linka kaħlanija fuq il-parti ta' wara.
*Fentanyl-ratiopharm* huwa disponibbli f'paketti ta' 3, 5, 10 jew 20 il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.
Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali

**Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:**

[Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

{telefon}
{fax}
{e-mail}

**Manifattur:**

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Str. 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

**Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-istati membri ta' l-EEA b'dawn l-ismijiet :**

**<DE/H/0739/04/MR>**

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | Fentanyl-ratiopharm 100 µg/h transdermales Matrixpflaster |
| Il-Ġermanja | Fentanyl-ratiopharm 100 µg/h Matrixpflaster |
| Spanja | Fentanilo Matrix ratiopharm 100 microgramos/h parches transdérmicos EFG |
| Franza | Fentanyl ratiopharm 100 µg/h, dispositif transdermique |
| L-Olanda | Fentanyl ratiopharm 100 µg/uur, pleister voor transdermaal gebruik |
| Ir-Renju Unit | Telfanyl 100 microgram/hr Transdermal patch |

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f' {XX/SSSS}**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]